

Brussell, 21 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0465(NLE)**

17087/23
ADD 1

ATO 64
ENV 1545
IND 715

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Diċembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 793 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESI ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 793 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2023) 793 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.12.2023
COM(2023) 793 final

ANNEX

ANNESI

ta'

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tapprova Regolament tal-Kummissjoni (Euratom)
dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom**

WERREJ

ANNEX	1
KAPITOLU I KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET.....	3
KAPITOLU II KARATTERISTIĊI TEKNIĊI BAŻIĊI U DISPOŻIZZJONIJIET PARTIKOLARI TA' SALVAGWARDJA.....	7
KAPITOLU III KONTABBILTÀ TAL-MATERJAL NUKLEARI.....	10
KAPITOLU IV TRASFERIMENTI BEJN L-ISTATI	17
KAPITOLU V DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI	19
KAPITOLU VI DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI APPLIKABBLI FIT-TERRITORJU TAL-ISTATI MEMBRI B' ARMI NUKLEARI	23
KAPITOLU VII DISPOŻIZZJONIJIET FINALI.....	24
ANNEX I KWESTJONARJU GĦAD-DIKJARAZZJONI TAL-KARATTERISTIĊI TEKNIĊI BAŻIĊI (BTC) TAL-INSTALLAZZJONIJIET	26
ANNEX I-A. REATTURI TAL-ENERĠIJA U TAR-RIĊERKA	26
ANNEX I-B. INSTALLAZZJONIJIET KRITIĊI U SUBKRITIČI	32
ANNEX I-C. INSTALLAZZJONIJIET TA' KONVERŻJONI U TA' MANIFATTURA TAL-FJUWIL.....	37
ANNEX I-D. INSTALLAZZJONIJIET TAR-RIPROĊESSAR.....	43
ANNEX I-E. INSTALLAZZJONIJIET TAL-ARRIKKIMENT TAL-ISOTOPI.....	49
ANNEX I-F. INSTALLAZZJONIJIET TAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP (R&D).....	54
ANNEX I-G. INSTALLAZZJONIJIET TAL-ĦŻIN	59
ANNEX I-H. INSTALLAZZJONIJIET TAT-TRATTAMENT, TAL-ĦŻIN U TAR-RIMI TAL-ISKART	63
ANNEX I-J. INSTALLAZZJONIJIET TAL-INKAPSULAMENT TAL-FJUWIL UŻAT ..	68
ANNEX I-K. REPOŻITORJI ĠEOLOĠIĊI	73
ANNEX I-L. POST BARRA MILL-FAĊILITAJIET (LOF)	77
ANNEX I-M. POST NAZZJONALI BARRA MILL-FAĊILITAJIET (LOF NAZZJONALI)	80
ANNEX I-N. INSTALLAZZJONIJIET TA' MBA KOMPRESIVI (CAM) EŻISTENTI F'PAJJIŻI KANDIDATI.....	81
ANNEX I-P. INSTALLAZZJONIJIET OĦRAJN LI JUŻAW MATERJAL NUKLEARI LI JAQBEŻ KILOGRAMM WIEĦED EFFETTIV	83
ANNEX I-Q. PRODUTTURI TA' MINERALI	86
ANNEX II DESKRIZZJONI ĠENERALI TAS-SIT (1)	87
ANNEX III RAPPORT DWAR BIDLA FL-INVENTARJU (ICR).....	89
ANNEX IV RAPPORT TAL-BILANĊ TAL-MATERJAL (MBR).....	101
ANNEX V ELENKAR TA' INVENTARJU FIŻIKU (PIL)	107

ANNEX VI NOTIFIKA ANTICIPIATA TA' ESPORTAZZJONIJIET/VJEĠĠI TA' MATERJAL NUKLEARI.....	111
ANNEX VII NOTIFIKA ANTICIPIATA TA' IMPORTAZZJONIJIET/TWASSIL TA' MATERJAL NUKLEARI.....	115
ANNEX VIII DIKJARAZZJONI TA' ESPORTAZZJONIJIET/VJEĠĠI TA' MINERALI	119
ANNEX IX TALBA GĦAL DEROGA TA' INSTALLAZZJONI MIR-REGOLI LI JIRREGOLAW IL-FREKWENZA TAN-NOTIFIKI.....	121
ANNEX X LISTA TA' ENTRATI TAL-INVENTARJU (LII).....	124
ANNEX XI PROGRAMM ĠENERALI TAL-ATTIVITAJIET	127
ANNEX XII NOTIFIKA ANTICIPIATA TA' AKTAR ATTIVITAJIET TA' PPROĊESSAR TA' SKART	128
ANNEX XIII RAPPORT ANNWALI TA' ESPORTAZZJONIJIET/VJEĠĠI TA' SKART IKKUNDIZZJONAT	131
ANNEX XIV RAPPORT ANNWALI TA' IMPORTAZZJONIJIET/TWASSIL TA' SKART IKKUNDIZZJONAT	133
ANNEX XV RAPPORT ANNWALI TA' TRASFERIMENTI TA' SKART IKKUNDIZZJONAT	135
ANNEX XVI TALBA GĦALL-AWTORIZZAZZJONI TA' SKAMBJU TA' OBBLIGI TA' SALVAGWARDJA DWAR IL-MATERJAL NUKLEARI	138
ANNEX XVII NOTIFIKA TAT-TRASFERIMENT TA' OĠĠETTI GĦAJR MATERJAL NUKLEARI	141
ANNEX XVII-A. NOTIFIKA TAT-TRASFERIMENT TA' MATERJAL MHUX NUKLEARI	141
ANNEX XVII-B. NOTIFIKA TAT-TRASFERIMENT TAT-TAGĦMIR NUKLEARI ...	145
ANNEX XVII-C. NOTIFIKA TAT-TRASFERIMENT TAT-TEKNOLOĠIJA NUKLEARI	148

ANNEX

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EURATOM) XXXX/YY

ta' [...]

dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-“Trattat”), u b’mod partikolari l-Artikoli 77, 78, 79, 81 u 84 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-approvazzjoni tal-Kunsill,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta’ Frar 2005 dwar l-applikazzjoni ta’ salvagwardji tal-Euratom¹ jiddefinixxi n-natura u l-limitu tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 78 u 79 tat-Trattat.
- (2) Fid-dawl tal-kwantitajiet dejjem jizjeddu ta’ materjali nukleari prodotti, użati, ittrasportati, irriċiklati u ddeżinjati biex jintremew fil-Komunità, u tal-iżvilupp tal-kummerċ f’dawn il-materjali, huwa essenzjali li jiġu żgurati l-effettività u l-effiċjenza tas-salvagwardji. In-natura u l-limitu tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 79 tat-Trattat u stabbiliti fir-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 għalhekk jenħtieġ li jkunu aġġornati fid-dawl tal-iżviluppi, partikolarment fl-oqsma tat-teknoloġija nukleari u tal-informazzjoni.
- (3) L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, Spanja, l-Iżvezja u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika huma partijiet għall-Ftehim 78/164/Euratom² mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-implimentazzjoni tal-Artikolu III(1) u (4) tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta’ Armi Nukleari. Il-Ftehim 78/164/Euratom daħal fis-seħħ fil-21 ta’ Frar 1977 u kien issupplimentat bi Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom³, li daħal fis-seħħ fit-30 ta’ April 2004.
- (4) Il-Ftehim 78/164/Euratom jinkludi impenn partikolari li daħlet għalih il-Komunità li jikkonċerna l-applikazzjoni ta’ salvagwardji fuq għejun u materjali speċjali fissili fit-territorji tal-Istati Membri li m’għandhomx armi nukleari tagħhom u li huma firmatarji tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta’ Armi Nukleari.

¹ ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta’ Frar 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 74).

² ĠU L 51, 22.2.1978, p. 1.

³ ĠU L 67, 13.3.1999, p. 1.

- (5) Il-proċeduri stipulati mill-Ftehim 78/164/Euratom huma r-riżultat ta' negozjati internazzjonali wesgħin mal-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu III(1) u (4) tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari. Dawn il-proċeduri kienu approvati mill-Bord tal-Gvernaturi ta' dik l-Aġenzija.
- (6) Il-Komunità, Franza u l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika huma firmatarji ta' Ftehim dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji fi Franza⁴. Dak il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-12 ta' Settembru 1981, u kien issupplimentat bi Protokoll Addizzjonali, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2004.
- (7) Fuq it-territorji ta' Franza ċerti installazzjonijiet jew partijiet minnhom kif ukoll ċerti materjali huwa probabbli li jkunu involuti fiċ-ċiklu ta' produzzjoni għal ħtiġijiet ta' difiża. Proċeduri ta' salvagwardja speċjali għalhekk jenħtieġ li jiġu applikati biex jitqiesu dawn iċ-ċirkustanzi.
- (8) Il-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni Nukleari (NCAs) huma ftehimiet għall-kooperazzjoni dwar l-użu paċifiku tal-enerġija nukleari konklużi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi. Dawn għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kummerċ nukleari, l-impriżi fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, jew attivitajiet oħrajn ta' interess komuni għall-partijiet b'raba mal-użu paċifiku tal-enerġija nukleari, fl-interess tal-industrija taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari, l-utilitajiet, l-istituti tar-riċerka u l-konsumaturi, filwaqt li jiġu rrispettati l-impenji u l-politiki tal-Komunità. Fl-ambitu tal-Artikolu 77(b) tat-Trattat, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tissodisfa lilha nnifisha li, fit-territorji tal-Istati Membri, kwalunkwe obbligu partikolari ta' salvagwardja li l-Komunità tassumi skont dan il-ftehim ikun hemm konformità miegħu.
- (9) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-salvagwardji, huwa essenzjali li jiġu inkorporati kunsiderazzjonijiet ta' salvagwardji kmieni fil-proċessi tal-ippjanar u tad-disinn għal installazzjonijiet ġodda kif ukoll għal modifiki kbar u d-dekummissjonar ta' installazzjonijiet eżistenti.
- (10) Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-salvagwardji, in-natura u l-firxa tar-rekwiżiti għar-rapportar tal-materjal nukleari u d-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi tal-installazzjonijiet nukleari jenħtieġ li jqisu l-adegwatezza tal-materjal nukleari u tal-installazzjoni li għandhom jintużaw għal skopijiet mhux paċifiċi, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu partikolari ta' salvagwardja meħud mill-Komunità skont ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.
- (11) L-Istrateġija Diġitali tal-Kummissjoni Ewropea⁵ tišhaq fuq l-importanza li jiġi strutturat l-aċċess għad-*data* u l-iskambju bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri. Bħala parti minn din l-istrateġija, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li tippermetti l-interazzjoni diġitali transfruntiera, l-interoperabbiltà u l-modernizzazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. F'dan l-isfond u biex tittejjeb l-effiċjenza tas-salvagwardji, ir-rapporti u d-dikjarazzjonijiet jenħtieġ li jiġu ppreżentati f'forma elettronika.
- (12) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli tas-sigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443⁶ u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444⁷

⁴ Id-Dokument IAEA INFCIRC/290 bid-data ta' Diċembru 1981.

⁵ Komunikazzjoni lill-Kummissjoni: L-istrateġija diġitali tal-Kummissjoni Ewropea Il-Kummissjoni diġitali tal-ġenerazzjoni li jmiss, Brussell, C(2022) 4388 final, 30.6.2022.

⁶ ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41–52.

⁷ ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53-88.

jenħtieġ li japplikaw għall-informazzjoni miksuba skont dan ir-Regolament mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill Nru 3 tal-31 ta' Lulju 1958 li jimplementa l-Artikolu 24 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika⁸.

- (13) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi evalwata fi żmien 10 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu fid-dawl tal-progress teknoloġiku fl-industrija nukleari u l-iżviluppi fit-teknoloġiji tal-informazzjoni. Madankollu, f'ċirkostanzi speċjali, ir-Regolament jista' jkun jeħtieġ li jiġi rivedut qabel dik l-evalwazzjoni, bħal pereżempju, biex jikkonforma ma' kwalunkwe obbligu partikolari ta' salvagwardja meħud mill-Komunità skont ftehim konkluż ma' Stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.
- (14) Fl-interess taċ-ċarezza, ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 jenħtieġ li jiġi jitħassar b'dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għal kull persuna jew impriża li twaqqaf jew topera installazzjoni għall-produzzjoni, is-separazzjoni, ir-riproċessar, il-ħżin, ir-rimi jew użu ieħor ta' materjal nukleari. Għandu japplika wkoll għal kwalunkwe persuna jew impriża li jkollha, tesporta, timporta jew tittrasferixxi oġġetti għajr materjal nukleari, jekk dawn l-oġġetti jkunu soġġetti għal obbligi li jirriżultaw mill-NCAs fis-seħħ bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.

Dan m'għandux japplika għal detenturi ta' prodotti finali bħal liġi jew ċeramika, użati għal għanijiet mhux nukleari li jinkludu materjali nukleari li Prattikament ma jistgħux ikunu rkuprati.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Fil-kuntest tas-salvagwardji tal-Euratom fl-ambitu ta' dan ir-Regolament:

1. "Stati Membri mingħajr armi nukleari" tfisser l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Ġreċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Iżvezja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija;
2. "Stat Membru b'armi nukleari" tfisser Franza;
3. "pajjiż terz" tfisser kull Stat li mhux membru tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika;
4. "materjali nukleari" tfisser minerali, materjali sors jew materjali fissili speċjali kif iddefiniti fl-Artikolu 197 tat-Trattat;

⁸

ĠU 17, 6.10.1958, p. 406/58.

5. “skart” tfisser materjal nukleari f’konċentrazzjonijiet jew f’forom li jagħmlu l-materjal nukleari mhux rekuperabbli għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi, li għalih ma huwa previst l-ebda użu ulterjuri u li jista’ jintrema;
6. “skart miżmum” tfisser skart, maħluq minn ipproċessar jew minn inċident operazzjonali, imkejjel jew stmat fuq il-bażi ta’ kejl, li kien ittrasferit lejn post speċifiku u maħżun fi ħdan iż-żona ta’ bilanċ tal-materjal li minnha jista’ jerġa’ jinkiseb;
7. “skart ikkundizzjonat” tfisser skart li fih il-materjal nukleari, imkejjel jew stmat fuq il-bażi ta’ kejl, li kien ikkundizzjonat b’mod li (pereżempju, fi ħġieġ, siment, konkrit jew bitum) mhux tajjeb għal aktar użu nukleari;
8. “rimi fl-ambjent” tfisser materjal nukleari, imkejjel jew stmat fuq il-bażi ta’ kejl, li jkun intrema b’mod irrevokabbli fl-ambjent bħala riżultat ta’ skariku ppjanat b’mod li ma jkunx adattat għal użu ulterjuri;
9. “rimi” tfisser it-tqegħid ta’ skart jew fjuwil użat f’installazzjoni mingħajr l-intenzjoni li jiġi rkuprat;
10. “fjuwil użat” tfisser fjuwil nukleari li ġie rradjat fi u mneħħi permanentement mill-qalba ta’ reattur; il-fjuwil użat jista’ jew jitqies bħala riżorsa li tista’ tintuża li tista’ tiġi riproċessata jew jista’ jintrema jekk ma jkunx previst użu ulterjuri;
11. “kategoriji” (ta’ materjal nukleari) huma uranju naturali, uranju ridott, uranju arrikkit f’uranju-235 jew f’uranju-233 sa anqas minn 20 %, uranju arrikkit f’uranju-235 jew f’uranju-233 sa 20 % u aktar, torju, plutonju, u kwalunkwe materjal ieħor speċifikat mill-Kunsill f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 197 tat-Trattat;
12. “oġġett” tfisser unità identifikabbli bħal immuntar ta’ fjuwil jew labra tal-fjuwil;
13. “lott” tfisser porzjon ta’ materjal nukleari ttrattat bħala unità għal għanijiet ta’ kontabbiltà f’punt essenzjali ta’ kejl u li għalih it-taħlita u l-kwantità huma ddefiniti minn ġabra unika ta’ speċifikazzjonijiet jew kejl. Il-materjal nukleari jista’ jkun f’forma voluminuża jew inkluż f’numru ta’ oġġetti;
14. “data tal-lott” tfisser il-piż totali ta’ kull kategorija ta’ materjal nukleari u, fil-każ tal-plutonju u l-uranju, il-kompożizzjoni isotopika meta xieraq. Għal raġunijiet ta’ rapportar il-piżijiet tal-oġġetti individwali fil-lott għandhom jingħaddu flimkien qabel it-tqarrib sal-eqreb unità;
15. “kilogramm effettiv” hija unità speċjali użata għas-salvagwardja ta’ materjal nukleari, miksuba bit-teħid:
 - (a) għal plutonju, tal-piż tiegħu f’kilogrammi;
 - (b) għal uranju b’arrikkiment ta’ 0,01 (1 %) u oġhla, tal-piż tiegħu f’kilogrammi mmultiplikati bil-kwadrat tal-arrikkiment tiegħu;
 - (c) għal uranju b’arrikkiment taħt 0,01 (1 %) u oġhla minn 0,005 (0,5 %), tal-piż tiegħu f’kilogrammi mmultiplikati b’0,0001;
 - u
 - (d) għal uranju ridott b’arrikkiment ta’ 0,005 (0,5 %) jew anqas, u għal torju, tal-piż tiegħu f’kilogrammi mmultiplikati b’0,00005;
16. “żona ta’ bilanċ tal-materjal” tfisser żona li, għall-għan li jiġi stabbilit il-bilanċ tal-materjal:

- (a) il-kwantità ta' materjal nukleari f'kull trasferiment 'il ġewwa jew 'il barra minn kull żona ta' bilanċ tal-materjal tkun tista' tiġi ddeterminata;
- u
- (b) l-inventarju fiżiku ta' materjal nukleari f'kull żona ta' bilanċ tal-materjal jista' jiġi ddeterminat meta jkun meħtieġ f'konformità ma' proċeduri speċifikati;
17. "punt essenzjali ta' kejl" tfisser post fejn materjal nukleari jidher f'forma li jista' jkun imkejjel biex jiġi ddeterminat fluss ta' materjal jew inventarju, inkluż iżda mhux limitat għal, postijiet fejn il-materjal nukleari jidhrol, joħroġ jew jinħażen f'żoni ta' bilanċ tal-materjal;
18. "inventarju fil-kotba" ta' żona ta' bilanċ tal-materjal tfisser is-somma algebrika tal-inventarju fiżiku l-aktar reċenti ta' dik iż-żona ta' bilanċ tal-materjal, u tal-bidliet kollha tal-inventarju li seħħew minn meta jkun ittieħed dak l-inventarju fiżiku;
19. "inventarju fiżiku" tfisser is-somma tal-kwantitajiet tal-lott imkejla jew stimi miksuba ta' kwantitajiet tal-lott ta' materjal nukleari fil-pussess f'ħin iddeterminat ġewwa żona ta' bilanċ tal-materjal, miksuba f'konformità ma' proċeduri speċifikati;
20. "materjal mhux kontabilizzat" tfisser id-differenza bejn l-inventarju fiżiku u l-inventarju fil-kotba;
21. "differenza konsenjatur/destinatarju" tfisser id-differenza bejn il-kwantità ta' materjal nukleari f'lott kif imkejla fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirċievi u l-kwantità kif iddikjarata miż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tibgħat;
22. "*data tas-sors*" tfisser dik id-*data*, irreġistrata matul il-kejl jew il-kalibrar jew użata biex ikunu derivati relazzjonijiet empiriċi, li tidentifika materjal nukleari u tipprovdi *data* tal-lott, inkluż: il-piż ta' komposti; il-fatturi ta' konverżjoni biex jiġi ddeterminat il-piż tal-element; il-gravità speċifika; il-konċentrazzjoni ta' element; il-proporzjonijiet isotopiċi; ir-relazzjoni bejn il-volum u l-qari tal-manometru; u r-relazzjoni bejn il-plutonju prodott u l-enerġija ġġenerata;
23. "sit" tfisser żona delimitata mill-Komunità u l-Istat Membru, li fiha installazzjoni waħda jew aktar, inklużi installazzjonijiet magħluqa, kif iddefiniti fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi rilevanti tagħhom, fejn:
- (a) fil-każ ta' installazzjoni magħluqa fejn kien jintuża normalment materjal sors jew materjal fissili speċjali fi kwantitajiet anqas minn kilogramm effettiv, it-terminu huwa limitata għal dawk il-postijiet b'ċelloli sħan jew fejn twettqu attivitajiet relatati mal-konverżjoni, l-arrikkiment, il-manifattura jew ir-riproċessar tal-fjuwil;
- (b) "sit" tinkludi wkoll l-impjanti kollha li huma fl-istess post tal-installazzjonijiet li jipprovdu jew jużaw servizzi essenzjali inklużi ċelloli sħan għall-ipproċessar ta' materjali rradjati li ma fihomx materjal nukleari; impjanti għat-trattament, il-ħżin u r-rimi ta' skart; u binjiet assoċjati ma' attivitajiet speċifikati fl-Anness 1 tal-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom u identifikati mill-Istat ikkonċernat;
- (c) fil-każ ta' LOF nazzjonali, l-utenti kollha inklużi ta' ammonti żgħar ta' materjal nukleari flimkien jikkostitwixxu sit wieħed;
24. "rappreżentant tas-sit" tfisser kull persuna, impriża jew entità ddeżinjata mill-Istat Membru bħala responsabbli għad-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1);

25. “installazzjoni” tfisser, mill-istadju tal-ippjanar sakemm tiġi kkonfermata bħala ddekummissjonata:
- (a) reattur, installazzjoni kritika, impjant ta’ konverżjoni, impjant ta’ manifattura, impjant ta’ riproċessar, impjant ta’ separazzjoni tal-isotopi, installazzjoni separata tal-ħżin, impjant ta’ inkapsulament, repożitorju ġeoloġiku, trattament tal-iskart, installazzjoni tal-ħżin tal-iskart jew tar-rimi tal-iskart jew kwalunkwe post ieħor fejn jinżamm materjal sors jew materjal fissili speċjali jew fejn normalment jintuża f’ammonti akbar minn kilogramm wieħed effettiv;
 - (b) kwalunkwe post mhux kopert taħt (a) fejn jinżamm il-materjal sors jew il-materjal fissili speċjali jew fejn normalment jintuża f’ammonti ta’ kilogramm wieħed effettiv jew anqas, imsemmi bħala “Post barra mill-Faċilitajiet” (LOF);
 - (c) kwalunkwe post fejn jiġu estratti, maħżuna jew użati l-minerali;
26. “magħluqa” tfisser, meta tirreferi għal installazzjoni, li jkun ġie vverifikat li l-operazzjonijiet ikunu twaqqfu u li l-materjal nukleari kollu soġġett għas-salvagwardji tal-Euratom ikun tneħħa;
27. “taħt dekkummissjonar” tfisser, meta tirreferi għal installazzjoni, li l-attivitajiet dwar iż-żarmar, u/jew l-irkupru u t-tneħħija ta’ materjal nukleari u/jew it-tneħħija tat-tagħmir essenzjali jew li dan jsir inoperabbli, jkunu għadhom għaddejjin bil-għan li l-installazzjoni tiġi ddekummissjonata;
28. “dekkummissjonar” tfisser, meta tirreferi għal installazzjoni, li ġie vverifikat li l-materjal nukleari kollu soġġett għas-salvagwardji tal-Euratom tneħħa u l-istrutturi u t-tagħmir residwi essenzjali għall-użu tal-installazzjoni għal skopijiet oħrajn għajr ir-rimi ta’ materjal nukleari li ma għadux soġġett għas-salvagwardji tal-Euratom tneħħew jew saru inoperabbli sabiex l-immaniġġar, l-ipproċessar jew l-użu ta’ materjal nukleari ma jkunx għadu possibbli;
29. “Post Nazzjonali Barra mill-Faċilitajiet” tfisser LOF partikolari, li jinkludi diversi detenturi ta’ ammonti żgħar ta’ materjal nukleari f’konformità mal-kriterji miftiehma bejn l-Istat Membru fejn jinsabu u l-Kummissjoni;
30. “MBA Komprensivi (CAM)” tfisser LOF partikolari, li jinkludi diversi detenturi ta’ ammonti żgħar ta’ materjal nukleari skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness I-N;
31. “prinċipju ta’ ekwivalenza” tfisser il-kunċett li obbligu partikolari ta’ salvagwardja li japplika għal kwantità ta’ materjal nukleari jista’ jiġi ttrasferit għal kwantità oħra ta’ materjal nukleari, soġġett għal kriterji ta’ ekwivalenza;
32. “kriterji ta’ ekwivalenza” tfisser kriterji speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati fir-rigward tal-kwantità, il-kategorija, il-kompożizzjoni isotopika, il-forma fiżika, il-forma kimika u l-istat materjali tal-materjal nukleari sabiex jiġi applikat il-prinċipju ta’ ekwivalenza;
33. “prinċipju ta’ proporzjonalità” tfisser il-kunċett li, meta materjal nukleari soġġett għal obbligu partikolari ta’ salvagwardja jkun imħallat jew ittrasformat fi proporzjon partikolari ma’ materjal nukleari mhux soġġett għalih, il-prodott, il-prodott sekondarju, l-iskart jew it-telf iġġenerat mill-ipproċessar ikun soġġett għall-obbligu partikolari ta’ salvagwardja fl-istess proporzjon;
34. “kontabbiltà tal-aggregazzjoni” tfisser metodu ta’ kontabbiltà speċifiku li bih jintuża kodiċi ta’ obbligu uniku (kodiċi tal-aggregazzjoni) biex jiġu ddikjarati l-inventarji tal-kotba u l-listi tal-inventarji fiżiċi lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 14 u 15 ta’ dan

ir-Regolament, għalkemm il-materjal nukleari jista' jkun soġġett għal diversi obbligi partikolari ta' salvagwardja;

35. “ġabra ta’ kontabbiltà” tfisser il-kamp ta’ applikazzjoni li fih l-applikazzjoni tal-kontabbiltà tal-aggregazzjoni ġiet awtorizzata f’żona waħda jew f’diversi żoni ta’ bilanċ materjali.
36. “operatur” tfisser kwalunkwe persuna, impriża jew organizzazzjoni li topera jew li qed tippjana li tistabilixxi installazzjoni.

KAPITOLU II

KARATTERISTIĊI TEKNIĊI BAŻIĊI U DISPOŻIZZJONIJIET PARTIKOLARI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 3

Dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi

1. L-operaturi kollha għandhom jiddikjaraw lill-Kummissjoni l-karatteristiċi tekniċi bażiċi tal-installazzjonijiet tagħhom.
Għall-produtturi tal-minerali, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 27 u 28.
Għal-LOFs nazzjonali, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 38.
2. Kull meta l-karatteristiċi tekniċi bażiċi jiġu ddikjarati inizjalment jew aġġornati, għandu jintuża l-kwestjonarju rilevanti fl-Anness I.
3. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'forma elettronika.
4. Jekk jintalbu, għandhom jiġu pprovduti aktar dettalji jew spjegazzjonijiet b'rabta mal-informazzjoni ppreżentata fid-dikjarazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum, jew fi ħdan perjodu ta' żmien miftiehem differenti.

Artikolu 4

Limiti ta' żmien għad-dikjarazzjoni inizjali tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi

1. Id-dikjarazzjoni sħiħa tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi ta' installazzjonijiet ġodda għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 3(1) mill-anqas 200 jum qabel ma tkun mistennija li tasal l-ewwel kunsinna ta' materjal nukleari.
2. Għal installazzjonijiet ġodda msemmija fl-Artikolu 2(25)(a), l-informazzjoni kollha relatata mas-sid, mal-operatur, mal-post, mal-iskop u mat-tip tal-installazzjoni, mal-kapaċità kif ukoll l-Infommazzjoni ta' qabel it-tħaddim għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni hekk kif l-informazzjoni tkun disponibbli u mhux aktar tard minn 200 jum qabel id-data tal-applikazzjoni għal liċenzja tal-kostruzzjoni, jew f'perjodu ta' żmien miftiehem differenti.
Sabiex tkun tista' ssir l-inklużjoni ta' rekwiżiti ta' salvagwardji kmieni fil-proċess tad-disinn tal-installazzjonijiet nukleari, bħala minimu, it-tip, il-forma u l-produzzjoni mistennija u l-inventarji tal-materjal nukleari kif ukoll tpinġijiet li jindikaw il-flussi u l-ħżin tal-materjali nukleari għandhom jiġu pprovduti wkoll f'dak il-mument.
3. L-operaturi kollha ta' installazzjoni li jkunu qed jippjanaw li jużaw tekniki għall-ipproċessar kimiku ta' materjali rradjati għandhom fl-istess ħin jipprovdu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tapprova dawk it-tekniki, kif meħtieġ mill-Artikolu 78 tat-Trattat.
4. L-informazzjoni meħtieġa fl-ambitu tal-paragrafi 2 u 3 għandha tiġi pprovduta fl-oqsma ddedikati tal-kwestjonarju rilevanti fl-Anness I.
5. L-installazzjonijiet fit-territorju tal-Istati li jaderixxu mal-Unjoni Ewropea għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-karatteristiċi tekniċi bażiċi tagħhom fi żmien 30

jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat, jew f'perjodu ta' żmien miftiehem differenti.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni tal-bidliet tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi

1. Il-bidliet fl-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 4(2) u 4(3) għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni kull meta d-disinn tal-installazzjoni jiġi mmodifikat, jew f'perjodu ta' żmien miftiehem differenti.
2. Il-bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi rigward l-iskop, it-tip jew it-tqassim tal-installazzjoni u b'mod partikolari l-bidliet li jaffettwaw ir-rotot ta' aċċess għal żoni fejn jintużaw jew jinħażnu materjali nukleari għandhom jiġu kkomunikati malli tittieħed id-deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom, u mhux aktar tard minn 20 jum qabel ma jkun skedat li tibda l-ħidma fuq il-modifika. Rekwiżiti addizzjonali rigward il-bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi li għandhom jiġu kkomunikati minn qabel jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.
3. Il-bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi li għalihom ma tkunx meħtieġa notifika antiċipata kif speċifikat fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kkomunikati fi żmien 30 jum wara li l-modifika tkun kompluta.
4. Il-pjanijiet ta' dekkommissjonar u l-perjodi ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu kkomunikati bl-użu tas-sezzjonijiet iddedikati tal-kwestjonarju muri fl-Anness I. Din l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata malli tittieħed id-deċiżjoni li jitwaqqaf it-tħaddim tal-installazzjoni u għandha tiġi aġġornata kull meta jinbidlu l-pjanijiet jew il-perjodi ta' żmien. Il-bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' dekkommissjonar, b'mod partikolari t-tneħħija ta' tagħmir essenzjali jew li dan isir inoperabbli, għandhom jiġu kkomunikati fi żmien 30 jum wara li ttitlesta l-modifika.

Artikolu 6

Dikjarazzjoni ta' deskrizzjoni ġenerali tas-sit

1. Kull Stat Membru li huwa parti mill-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom, għandu jiddeżinja rappreżentant tas-sit għal kull sit fit-territorju tiegħu li għandu jipprovdi lill-Kummissjoni dikjarazzjoni li jkun fiha deskrizzjoni ġenerali tas-sit, bl-użu tal-kwestjonarju muri fl-Anness II.

Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppreżentata fi żmien 120 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom fl-Istat Membru kkonċernat u l-aġġornamenti għandhom jiġu ppreżentati sal-1 ta' April ta' kull sena. Id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati f'forma elettronika.

Id-dikjarazzjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 2(a)(iii) tal-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom, u għandha tkun separata mid-dikjarazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 3(1).
2. Filwaqt li r-rappreżentant tas-sit għandu r-responsabbiltà li jiġbor fil-ħin l-informazzjoni rilevanti u li jippreżenta d-deskrizzjoni ġenerali tas-sit lill-Kummissjoni, ir-responsabbiltà tal-korrettezza u l-kompletezza tad-dikjarazzjonijiet tibqa' tal-persuni jew tal-impriżi li qed iwaqqfu jew joperaw l-installazzjoni, u għall-binjiet f'sit li ma jinkludix materjal nukleari mal-Istat Membru kkonċernat.

3. Jekk jintalbu, għandhom jiġu pprovduti aktar dettalji jew spjegazzjonijiet b'rabta mal-informazzjoni ppreżentata fid-dikjarazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum.

Artikolu 7

Programm ta' attivitajiet

1. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tippjana l-attivitajiet ta' salvagwardja tagħha, l-operaturi għandhom jikkomunikaw b'mod elettroniku lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) programm ġenerali ta' attivitajiet abbażi tal-Anness XI, li jindika, b'mod partikolari, dati provviżorji għat-teħid ta' inventarju fiżiku;
 - (b) mill-anqas 40 jum qabel it-teħid ta' inventarju fiżiku, il-programm għal dan ix-xogħol.Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(25)(b), bħala minimu għandhom jiġu pprovduti d-dati provviżorji għat-teħid ta' inventarju fiżiku.
Bidliet li jaffettwaw il-programm ġenerali ta' attivitajiet u, b'mod partikolari, it-teħid tal-inventarji fiżiċi għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.
2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8, il-programm ta' attivitajiet għandu jintbagħat kull sena, mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru tas-sena ta' qabel.

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja

1. Filwaqt li taġixxi abbażi tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi ppreżentati skont l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4, il-Kummissjoni tadotta dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja relatati mal-aspetti stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(25)(a), id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja jiffasslu permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni indirizzata lill-operatur ikkonċernat, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet operazzjonali u tekniċi u f'konsultazzjoni mill-qrib mal-operatur ikkonċernat u mal-Istat Membru rilevanti.
Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(25)(b), tista' titfassal deċiżjoni waħda tal-Kummissjoni indirizzata lil diversi operaturi kkonċernati jew lill-operaturi kollha kkonċernati, li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja.
L-operatur li lilu hija indirizzata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandu jkun innotifikat b'dan, u kopja ta' din in-notifika għandha tiġi trażmessa lill-Istat Membru kkonċernat.
2. Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(25)(a), id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja għandhom jinkludu dan li ġej:
 - (a) iż-żoni ta' bilanċ tal-materjal u l-għażla tal-punti essenzjali ta' kejl biex ikunu ddeterminati l-fluss u l-istokkijiet tal-materjali nukleari;
 - (b) il-bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi li għalihom hija meħtieġa notifika antiċipata;
 - (c) il-proċeduri għaż-żamma ta' reġistri ta' materjali nukleari għal kull żona ta' bilanċ tal-materjal u għat-tfassil ta' rapporti;

- (d) il-frekwenza tat-teħid tal-inventarji fiżiċi u l-proċeduri għalih għal skopijiet ta' kontabbiltà bħala parti mill-miżuri ta' salvagwardja;
- (e) il-miżuri ta' konteniment u sorveljanza, f'konformità mal-arranġamenti miftiehma mal-operatur ikkonċernat;
- (f) l-arranġamenti għat-teħid ta' kampjuni mill-persuna jew mill-impriża kkonċernata esklużivament għal raġunijiet ta' salvagwardja.

Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(25)(b), id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja jistgħu jkunu limitati għall-punti (a), (c) u (d).

3. Id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja jistgħu jispeċifikaw ukoll:
 - (a) il-kontenut tal-komunikazzjonijiet sussegwenti meħtieġa fl-ambitu tal-Artikolu 7 jew 16;
 - (b) il-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet li taħthom il-vjeġġi u t-twassil tal-materjal nukleari jirrikjedu notifika minn qabel;
 - (c) miżuri meqjusa meħtieġa biex jiġi żgurat li l-materjali nukleari ma jiġux iddevjati mill-użi maħsuba tagħhom.
4. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża lill-operatur ikkonċernat il-kost ta' dawk is-servizzi speċjali li huma previsti fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja jew li huma pprovduti bħala riżultat ta' talba speċjali mill-Kummissjoni jew mill-ispetturi tagħha, esklużivament abbażi ta' ftehim li jiddefinixxi dawk il-kostijiet u l-kundizzjonijiet tar-rimborż tagħhom. Ix-xogħlijiet imwettqa mill-operatur qabel l-iffirmar tal-ftehim ma għandhomx ikunu rimborżabbli. Ir-rimborż għandu jkun limitat għall-ammont meħtieġ biex jiġi bbilanċjati l-kostijiet imġarrba mill-operatur għas-servizzi speċjali u ma għandu jinkludi l-ebda profitt.

KAPITOLU III

KONTABBILTÀ TAL-MATERJAL NUKLEARI

Artikolu 9

Sistema ta' kontabbiltà

1. L-operaturi għandhom iżommu sistema ta' kontabbiltà u kontroll għall-materjali nukleari, li għandha tkun effettiva fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-iffissar f'waqtu ta' irregolaritajiet li jwasslu għal sitwazzjonijiet fejn il-materjal nukleari jiġi kontabilizzat b'mod żbaljat. Din is-sistema għandha tinkludi reġistri ta' kontabbiltà u operat u, b'mod partikolari, informazzjoni dwar kwantitajiet, kategoriji, forma u kompożizzjoni ta' dawn il-materjali kif previst fl-Artikolu 21, il-post eżatt tagħhom u l-obbligu partikolari ta' salvagwardja kif previst fl-Artikolu 19, flimkien ma' dettalji tad-destinatarju jew tal-konsenjatur meta jkunu ttrasferiti materjali nukleari.
2. Is-sistema ta' kejl li fuqha huma bbażati r-reġistri għandha tkun konformi mal-istandards internazzjonali l-aktar reċenti jew għandha tkun ekwivalenti fil-kwalità ma' dawk l-istandards. Abbażi ta' dawn ir-reġistri, irid ikun possibbli li jiffasslu u jiġu ssostanzjati d-dikjarazzjonijiet kollha magħmula lill-Kummissjoni. Ir-reġistri kollha relatati mal-materjali nukleari għandhom jinżammu sakemm il-materjali nukleari jkunu preżenti fl-installazzjoni, u għal mill-anqas ħames snin wara li l-

materjali nukleari ma jibqgħux preżenti fl-installazzjoni jew fl-installazzjoni ddekummissjonata. Aktar dettalji jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8 għal kull installazzjoni.

3. Reġistri ta' kontabbiltà u operat għandhom ikunu disponibbli f'forma elettronika jekk jinżammu f'din il-forma mill-installazzjoni. Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(25)(a), għandha ssir disponibbli lista aġġornata ta' oġġetti tal-inventarju lill-ispetturi tal-Kummissjoni f'forma elettronika fuq talba, bl-użu tal-format stabbilit fl-Anness X.

Artikolu 10

Reġistri tal-operat

1. Għal kull żona ta' bilanċ tal-materjal, ir-reġistri tal-operat għandhom jinkludu, fejn applikabbli:
- (a) id-*data* operattiva użata biex jiġu ddeterminati l-bidliet kollha fil-kwantitajiet u l-kompożizzjoni tal-materjal nukleari preżenti fl-installazzjoni, inklużi d-dokumenti tat-trasport kemm għal-lottijiet riċevuti kif ukoll dawk li ntbagħtu ta' materjal nukleari;
 - (b) lista ta' oġġetti tal-inventarju u l-post tagħhom, miżmuma aġġornata sa fejn ikun possibbli;
 - (c) id-*data*, inklużi stimi derivati ta' żbalji aleatorji u sistematiċi, miksuba mill-kalibrar ta' tankijiet u strumenti kif ukoll minn kampjunar u analiżi;
 - (d) id-*data* li tirriżulta minn miżuri ta' kontroll tal-kwalità applikati fuq is-sistema ta' kontabbiltà tal-materjal nukleari, inklużi stimi derivati ta' żbalji aleatorji u sistematiċi;
 - (e) deskrizzjoni tas-sekwenza ta' azzjonijiet meħuda bi tħejjija għal inventarju fiżiku u t-teħid tiegħu, u biex ikun żgurat li l-inventarju huwa korrett u komplet;
 - (f) deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda sabiex jiġu rikonossuti, investigati u solvuti d-diskrepanzi fil-kontabbiltà u fil-kontroll tal-materjal nukleari;
 - (g) ir-riżultati mill-proċeduri ta' kontroll tal-inventarju u tat-testijiet għall-aċċettazzjoni tal-bilanċ tal-materjal, filwaqt li jitqiesu l-inċertezzi ġġustifikati fil-kejl u fil-proċess;
 - (h) deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda bil-għan li tkun żgurata l-kawża u d-daqs ta' kwalunkwe telf aċċidentali jew mhux imkejjel li seta' seħħ;
 - (i) il-kompożizzjoni isotopika tal-plutonju, inklużi l-isotopi ta' tħassir tiegħu, u dati ta' referenza, jekk irreġistrati fl-installazzjoni għal ħtiġijiet operazzjonali.
2. Ir-reġistri operattivi oriġinali għandhom ikunu disponibbli għall-ispetturi tal-Kummissjoni, f'forma elettronika jekk disponibbli. Fuq talba mmotivata, kopji tar-reġistri operattivi għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni, f'forma elettronika jekk disponibbli. Fuq talba mmotivata mill-operatur, jistgħu jiġu miftiehma arranġamenti speċjali dwar il-forma u t-trażmissjoni tal-informazzjoni.

Artikolu 11

Reġistri ta' kontabbiltà

Ir-reġistri ta' kontabbiltà fir-rigward ta' kull żona ta' bilanċ tal-materjal għandhom juru dawn li ġejjin:

- (a) il-bidliet kollha tal-inventarju, biex f'kull ħin ikun jista' jiġi ddeterminat l-inventarju fil-kotba;
- (b) il-miżuri u r-risultati tal-għadd kollha użati biex jiġi ddeterminat l-inventarju fiżiku;
- (c) il-korrezzjonijiet kollha magħmula fil-bidliet tal-inventarju, fl-inventarji fil-kotba u fl-inventarji fiżiċi.

Ir-reġistri ta' kontabbiltà relatati ma' kwalunkwe bidla fl-inventarju u inventarju fiżiku għandhom juru l-identifikazzjoni tal-materjal, *data* tal-lott u *data* tas-sors għal kull lott. Dawn ir-reġistri għandhom jagħtu rendikont separat għall-uranju, għat-torju u għall-plutonju, f'konformità mal-kategoriji elenkati fl-Artikolu 21(2)(b). B'żieda ma' dan, għal kull bidla fl-inventarju, għandha tkun indikata d-data tal-bidla u, meta xieraq, iż-żona ta' bilanċ tal-materjal li qed tibgħat jew il-konsenjatur u ż-żona ta' bilanċ tal-materjal destinatarja jew id-destinatarja.

Artikolu 12

Rapporti ta' kontabbiltà

L-operaturi għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapporti ta' kontabbiltà.

Ir-rapporti ta' kontabbiltà għandhom jinkludu l-informazzjoni disponibbli dwar id-data ta' rapportar u jridu jkunu kkoreġuti f'data 'l quddiem jekk ikun meħtieġ. Ir-rapporti ta' kontabbiltà għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni f'forma elettronika.

Jekk jintalbu, għandhom jiġu pprovduti aktar dettalji jew spjegazzjonijiet b'rabta ma' dawn ir-rapporti lill-Kummissjoni fi żmien tliet ġimgħat jew fi ħdan perjodu ta' żmien miftiehem differenti.

Artikolu 13

Inventarju inizjali fil-kotba

L-operaturi fit-territorju tal-Istati li jaderixxu mal-Unjoni Ewropea għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, fi żmien 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat, inventarju inizjali fil-kotba tal-materjali nukleari kollha li jkunu qed iżommu (inklużi materjali nukleari li qabel kienu meqjusa bħala skart u materjali nukleari miżmuma li qabel kienu eżentati mis-salvagwardji tal-IAEA), ħlief materjal nukleari li fuqu ġew itterminati s-salvagwardji tal-IAEA. Għandu jintuża l-format stabbilit fl-Anness V.

Artikolu 14

Rapport dwar bidla fl-inventarju

1. Għal kull żona tal-bilanċ tal-materjal, l-operaturi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapporti dwar bidla fl-inventarju fir-rigward tal-materjali nukleari kollha bl-użu tal-format stabbilit fl-Anness III.

Dawn ir-rapporti għandhom jintbagħtu kull xahar, mhux aktar tard minn 15-il jum wara t-tmiem tax-xahar, u għandhom jiddikjaraw il-bidliet kollha fl-inventarju li seħħew jew li saru magħrufa matul dak ix-xahar.

2. Għax-xhur li fihom jittieħed inventarju fiżiku, u d-data ta' teħid tal-inventarju fiżiku ma tkunx l-aħħar data tax-xahar, għandhom jintbagħtu żewġ rapporti separati ta' bidla fl-inventarju:
 - (a) l-ewwel rapport ta' bidla fl-inventarju għandu jkollu l-bidliet kollha fl-inventarju sa u inkluża d-data ta' teħid tal-inventarju fiżiku, li għandu

jintbagħat mhux aktar tard minn flimkien mat-tieni rapport ta' bidla fl-inventarju, jew flimkien mal-elenkar tal-inventarju fiżiku u r-rapport ta' bilanċ tal-materjal jekk tal-aħħar jintbagħtu qabel it-tieni rapport ta' bidla fl-inventarju;

- (b) it-tieni rapport ta' bidla fl-inventarju li jkollu l-bidliet kollha fl-inventarju mill-ewwel jum wara d-data tat-teħid tal-inventarju fiżiku sal-aħħar tax-xahar, li għandu jintbagħat fi żmien 15-il jum minn tmiem ix-xahar.
- 3. Għax-xhur li fihom ma sseħħ l-ebda bidla fl-inventarju, l-operaturi kkonċernati għandhom jibgħatu r-rapport ta' bidla fl-inventarju, bil-ġarr tal-aħħar inventarju fil-kotba tax-xahar preċedenti.
- 4. Bil-għan li jkunu jistgħu jiġu rrapportati bħala bidla waħda fl-inventarju, bidliet żgħar fl-inventarju, bħal trasferimenti ta' kampjuni għal għanijiet ta' analiżi, jistgħu jiġu raggruppati, kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8 għall-installazzjoni kkonċernata.
- 5. Rapportu dwar bidla fl-inventarju jistgħu jkunu akkumpanjati b'kummenti li jispjegaw il-bidliet fl-inventarju.

Artikolu 15

Rapport ta' bilanċ tal-materjal u elenkar tal-inventarju fiżiku

- 1. Għal kull żona tal-bilanċ materjali, l-operaturi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:
 - (a) rapportu ta' bilanċ tal-materjal, fil-format stabbilit fl-Anness IV, li juru:
 - (i) inventarju fiżiku tal-bidu;
 - (ii) bidliet fl-inventarju (l-ewwel iż-żidiet, imbagħad it-tnaqqis);
 - (iii) inventarju tat-tmiem fil-kotba;
 - (iv) inventarju fiżiku finali;
 - (v) materjal mhux kontabilizzat;
 - (b) elenkar ta' inventarju fiżiku, fil-format stabbilit fl-Anness V, li juri l-lottijiet kollha separatament.
- 2. Ir-rapport u l-elenkar għandhom jintbagħtu minnufih u mhux aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha jkun ittiegħed inventarju fiżiku.
- 3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8 għal installazzjoni, elenkar ta' inventarju fiżiku, ibbażat fuq inventarju attwali li jieħu l-materjali nukleari kollha preżenti fiż-żona tal-bilanċ tal-materjal, għandu jiġi prodott kull sena kalendarja u l-perjodu bejn żewġ dikjarazzjonijiet suċċessivi tal-inventarju fiżiku ma għandux jaqbeż l-14-il xahar.

Artikolu 16

Rapporti speċjali

L-operaturi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport speċjali kull meta jinqalgħu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 17 jew 25.

Ir-rapporti speċjali, u aktar dettalji jew spjegazzjonijiet mitluba b'rabta ma' dawn ir-rapporti, għandhom jingħataw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Jekk ikunu meħtieġa aktar

investigazzjonijiet tekniċi, ir-rapporti għandu jkun fihom l-informazzjoni disponibbli fid-data tar-rapportar u għandhom jintlew mill-aktar fis possibbli bl-eżitu tal-investigazzjonijiet.

Artikolu 17
Okkorrenzi mhux tas-soltu

Għandu jiġi ppreżentat rapport speċjali, kif previst fl-Artikolu 16, fil-każijiet li ġejjin:

- (a) jekk, bħala riżultat ta' kwalunkwe inċident jew ċirkostanza mhux tas-soltu, ikun maħsub li kien hemm jew jista' jkun hemm żieda jew telf ta' materjal nukleari, inkluż matul it-trasferiment lejn jew mill-installazzjoni. F'każijiet bħal dawn, ir-rapport speċjali għandu jinkludi deskrizzjoni tal-inċident jew taċ-ċirkostanzi, il-piżijiet tal-uranju, tat-torju u tal-plutonju, f'konformità mal-kategoriji elenkati fl-Artikolu 21(2)(b), il-piż tal-isotopi fissili f'każ ta' uranju arrikkit, kif ukoll deskrizzjoni tal-mod kif ġew stabbiliti l-piżijiet, u kwalunkwe azzjoni oħra meħuda inkluż biex tiġi evitata r-rikorrenza ta' telf.
- (b) jekk il-konteniment ikun inbidel b'mod mhux mistenni, sa punt fejn tkun saret possibbli tneħħija mhux awtorizzata tal-materjal nukleari. F'każijiet bħal dawn, ir-rapport speċjali għandu jinkludi deskrizzjoni tal-inċident jew taċ-ċirkostanzi, kif ukoll deskrizzjoni ta' kwalunkwe azzjoni meħuda biex jitnaqqas ir-riskju ta' tneħħija mhux awtorizzata u tiġi evitata r-rikorrenza.

L-operaturi kkonċernati għandhom jippreżentaw dawn ir-rapporti immedjatament malli jindunaw li kien hemm xi telf jew żieda jew bidla f'daqqa fil-kundizzjonijiet ta' konteniment, jew ta' kull ħaġa li twassalhom jemmnu li kien hemm okkorrenza bħal din. Il-kawżi għandhom jiġu ddikjarati wkoll malli jsiru magħrufa.

Għal kull installazzjoni, aktar dettalji dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 18
Rapportar ta' trasformazzjonijiet nukleari

Fir-rigward ta' reatturi, id-data kkalkolata dwar it-trasformazzjonijiet nukleari għandha tkun irrapportata fir-rapport dwar tibdil fl-inventarju mhux aktar tard minn meta f'juwil irradjat jiġi ttrasferit miż-żona ta' bilanċ tal-materjal tar-reattur. Barra minn hekk, proċeduri oħrajn għar-reġistrazzjoni u r-rapportar ta' trasformazzjonijiet nukleari jistgħu jkunu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 19
Obbligi partikolari ta' salvagwardja

1. Il-materjali nukleari soġġetti għal obbligi partikolari ta' salvagwardja li tidħol għalihom il-Komunità fi ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali għandhom jiġu identifikati bil-kodiċi ta' obbligu xieraq, kif ikkomunikat mill-Kummissjoni, fin-notifiki u r-reġistri li ġejjin:
 - (a) inventarju inizjali fil-kotba previst fl-Artikolu 13;
 - (b) rapporti dwar bidla fl-inventarju, inklużi inventarji fil-kotba finali, previsti fl-Artikolu 14;
 - (c) rapporti ta' bilanċ tal-materjali u elenkar tal-inventarju fiżiku previsti fl-Artikolu 15;
 - (d) importazzjonijiet u esportazzjonijiet maħsuba previsti fl-Artikoli 23 u 24;
 - (e) reġistri ta' kontabbiltà previsti fl-Artikolu 11.

Sakemm mhux speċifikament ipprojbit fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-ftehimiet, din l-identifikazzjoni ma għandhiex tipprekludi t-taħlit fiżiku tal-materjali.

2. Fejn applikabbli, l-attribuzzjoni tal-kodiċijiet tal-obbligi fir-rapporti previsti fl-Artikoli 14 u 15 u r-reġistri previsti fl-Artikolu 11 għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità.
3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-Ftehimiet konklużi mill-Komunità u mill-Istati Membri mal-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika.

Artikolu 20

Kontabbiltà tal-aggregazzjoni u skambji ta' obbligi

1. L-użu, il-kamp ta' applikazzjoni, ir-rapportar u l-modalitajiet tal-kontabbiltà tal-aggregazzjoni jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni, li tista' tingħata fuq bażi ta' każ b'każ jekk dan l-użu jkun iġġustifikat fid-dawl tat-tip u tal-attivitajiet tal-installazzjoni. Il-modalitajiet tal-kontabbiltà tal-aggregazzjoni ma għandhom iġibu l-ebda preġudizzju għat-tweqqif tal-impenji tal-Komunità, bħar-rispett tal-prinċipji tal-ekwivalenza u tal-proporzjonalità.

Talba raġunata u mmotivata għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' kontabbiltà tal-aggregazzjoni għandha tiġi indirizzata bil-miktub lill-Kummissjoni, bi proposta ta' modalitajiet ta' kontabbiltà tal-aggregazzjoni.

2. Il-kodiċi tal-ġabra, kif ikkomunikat mill-Kummissjoni, għandu jintuża biex jiġi identifikat il-materjal nukleari kollu fil-ġabra ta' kontabbiltà, fir-rapporti previsti fl-Artikoli 14 u 15 u fir-reġistri previsti fl-Artikolu 11. L-ammonti totali ta' materjal nukleari assenjat lill-ġabra għandhom ikunu magħrufa f'kull ħin għal kull kodiċi ta' obbligu, u għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni kull xahar fil-forma ta' rapport ta' ġabra elettroniku.
3. L-awtorizzazzjoni tista' tiġi rtirata jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew il-kundizzjonijiet speċifikati fl-awtorizzazzjoni ma jibqgħux jiġu ssodisfati.
4. Obbligi partikolari ta' salvagwardja jistgħu jiġu skambjati bejn żewġ kwantitajiet ta' materjal nukleari, soġġetti għal kriterji ta' ekwivalenza applikabbli għall-NCA(s) rilevanti u għal kundizzjonijiet speċifiċi kkomunikati lill-operatur wara li tkun ġiet riċevuta t-talba.

Talba raġunata u mmotivata għal skambju ta' obbligi għandha tiġi kkomunikata b'mod elettroniku lill-Kummissjoni bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness XVI. L-operatur ikkonċernat se jiġi informat jekk il-kundizzjonijiet għall-iskambju tal-obbligi humiex issodisfati.

Artikolu 21

Unitajiet ta' piż u kategoriji ta' materjali nukleari

1. Fi kwalunkwe notifika msemmija f'dan ir-Regolament, kwantitajiet ta' materjali koperti mir-Regolament għandhom jingħataw fi grammi.

Ir-reġistri korrispondenti tal-kontabbiltà tal-materjali għandhom jinżammu fi grammi jew f'unitajiet iżgħar. Għandhom jinżammu f'dan il-mod biex ikunu affidabbli u, b'mod partikolari, biex ikunu konformi ma' prattiki kurrenti fl-Istati Membri.

Fin-notifiki, il-kwantitajiet jistgħu jitqarrbu 'l isfel meta l-ewwel deċimali jkun minn 0 sa 4 u mqarrba 'l fuq meta l-ewwel deċimali jkun minn 5 sa 9.

2. Sakemm mhux previst mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8, in-notifiki għandhom jinkludu li ġej:
 - (a) il-piż totali tal-elementi uranju, torju u plutonju, u anke, għall-uranju arrikkit, il-piż totali tal-isotopi fissili;
 - (b) rapporti separati ta' bilanċ tal-materjal kif ukoll annotazzjonijiet separati fir-rapporti dwar bidla fl-inventarju u fl-elenkar tal-inventarju fiżiku għall-kategoriji li ġejjin ta' materjal nukleari:
 - (i) uranju ridott;
 - (ii) uranju naturali;
 - (iii) uranju arrikkit għal anqas minn 20 %;
 - (iv) uranju arrikkit sa 20 % u aktar;
 - (v) plutonju;
 - (vi) torju.

Artikolu 22

Derogi

1. Operatur jista' jiġi dderogat mir-regoli li jirregolaw il-frekwenza tar-rapporti previsti fl-Artikolu 14, sabiex titqies kwalunkwe ċirkostanza partikolari li fiha jintużaw jew jiġu prodotti materjali ssalvagwardjati.

Talba għal deroga għandha tiġi sottomessa b'mod elettroniku lill-Kummissjoni mill-operatur ikkonċernat bl-użu tal-format stabbilit fl-Anness IX.

Id-deroga tista' tapplika biss għal żona sħiħa ta' bilanċ tal-materjali fejn materjal nukleari ma jiġix ipproċessat jew maħżun flimkien ma' materjal nukleari li għalih ma tista' tingħata l-ebda deroga.
2. Deroga tista' tapplika għal żona tal-bilanċ materjali li fiha:
 - (a) kwantitajiet ta' materjal nukleari fi proporzjon ma' dawk speċifikati fl-Anness I-N, li huma miżmuma fl-istess stat għal perjodi twal;
 - (b) uranju ridott, uranju naturali jew torju li huwa użat esklużivament f'attivitajiet mhux nukleari;
 - (c) materjali fissili speċjali meta użati fi kwantitajiet ta' grammi jew anqas bħala komponenti ta' ssensjar fl-istrumenti;
 - (d) plutonju b'konċentrazzjoni isotopika ta' plutonju-238 li taqbeż it-80 %.
3. L-operatur ikkonċernat se jiġi informat jekk il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq għad-deroga humiex issodisfati. Jekk dawk il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, rapport annwali dwar bidla fl-inventarju għandu jintbagħat b'mod elettroniku lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, sakemm ma tkun seħħet l-ebda bidla fl-inventarju matul il-perjodu, bl-użu tal-format stabbilit fl-Anness III. Dan ir-rapport għandu jiddeskrivi s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti. Fl-istess ħin, rapport dwar il-bilanċ materjali u elenkar tal-inventarju fiżiku li juri l-lottijiet kollha separatament għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku bl-użu tal-formati stabbiliti fl-Anness IV u V.

4. Fil-każ ta' kwalunkwe bidla fl-inventarju li sseħħ matul is-sena f'żona ta' bilanċ materjali li għaliha tapplika deroga, l-operatur ikkonċernat għandu jibgħat b'mod elettroniku rapport dwar bidla fl-inventarju lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli u, mhux aktar tard minn, fi żmien 15-il jum mit-tmiem tax-xahar li fih seħħet bidla fl-inventarju, bl-użu tal-format stabbilit fl-Anness III.
5. Jekk il-kundizzjonijiet għad-deroga ma jibqgħux jiġu ssodisfati, id-deroga ma għandhiex tibqa' tapplika.

KAPITOLU IV

TRASFERIMENTI BEJN L-ISTATI

Artikolu 23

Esportazzjonijiet u vjeġġi

1. L-operaturi għandhom jagħtu notifika antiċipata lill-Kummissjoni jekk kwalunkwe materjal sors jew materjal fissili speċjali:
 - (a) jiġi esportat lejn pajjiż terz;
 - (b) jiġi ttrasportat minn Stat Membru mingħajr armi nukleari lejn Stat Membru b'armi nukleari;
 - (c) jintbagħat minn Stat Membru b'armi nukleari lejn Stat Membru mingħajr armi nukleari.
2. Din in-notifika antiċipata hija meħtieġa biss:
 - (a) fejn il-kunsinna taqbeż kilogramm wieħed effettiv;
jew
 - (b) fejn installazzjoni tittrasferixxi kwantità totali ta' materjali lill-istess Stat li taqbeż jew tista' taqbeż kilogramm wieħed effettiv f'kull perjodu konsekuttiv ta' 12-il xahar, anke jekk l-ebda kunsinna waħedha ma taqbeż kilogramm wieħed effettiv.
3. In-notifika għandha tingħata wara t-tmiem tal-arranġamenti kuntrattwali li jwasslu għat-trasferiment, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI, u għandha tasal għand il-Kummissjoni mill-anqas tmint ijiem ta' xogħol qabel ma l-materjal irid jiġi ppakkjat għat-trasferiment.
4. F'każ li jkun meħtieġ kunsens minn qabel minn pajjiż terz għat-trasferiment, il-vjeġġ ma għandux isir qabel ma l-Kummissjoni tikkonferma li jkun ingħata dan il-kunsens minn qabel.
5. Fuq talba rraġunata mill-operatur, jistgħu jiġu miftiehma arranġamenti speċjali dwar il-forma u t-trażmissjoni tan-notifika.
6. L-esportazzjonijiet u l-vjeġġi ta' materjal nukleari inkluż fi skart jew minerali ma humiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4.

Artikolu 24
Importazzjonijiet u twassil

1. L-operaturi għandhom jagħtu notifika antiċipata lill-Kummissjoni jekk kwalunkwe materjal sors jew materjal fissili speċjali:
 - (a) jiġi importat minn pajjiż terz;
 - (b) jiġi riċevut fi Stat Membru mingħajr armi nukleari mingħand Stat Membru b'armi nukleari;
 - (c) jiġi riċevut fi Stat Membru b'armi nukleari mingħand Stat Membru mingħajr armi nukleari.
2. Din in-notifika antiċipata hija meħtieġa biss:
 - (a) fejn il-kunsinna taqbeż kilogramm wieħed effettiv;
jew
 - (b) fejn installazzjoni timporta jew tirċievi kwantità totali ta' materjali mill-istess Stat li taqbeż jew tista' taqbeż kilogramm wieħed effettiv fi kwalunkwe perjodu konsekuttiv ta' 12-il xahar, anke jekk l-ebda kunsinna waħedha ma taqbeż il-kilogramm wieħed effettiv.
3. Din in-notifika għandha tingħata kemm jista' jkun bil-quddiem sew qabel id-data maħsuba tal-wasla tal-materjal u, mhux aktar tard, mid-data tal-wasla, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VII, u għandha tasal għand il-Kummissjoni mill-anqas ħamest ijiem ta' xogħol qabel ma l-materjal jitneħħa mill-ippakkjar.
4. Fuq talba rraġunata mill-operatur, jistgħu jiġu miftiehma arranġamenti speċjali dwar il-forma u t-trażmissjoni tan-notifika.
5. Importazzjonijiet u twassil ta' materjal nukleari inkluż fi skart jew minerali ma humiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4.

Artikolu 25
Telf jew dewmien matul it-trasferiment

Rapport speċjali għandu jiġi ppreżentat, kif previst fl-Artikolu 16, mill-operaturi li jinnotifikaw trasferiment fl-ambitu tal-Artikoli 23 u 24 fejn, wara ċirkostanzi eċċezzjonali jew inċident, ikunu rċevew informazzjoni li materjali nukleari ntilfu jew jidher li jkunu ntilfu, jew fejn kien hemm dewmien konsiderevoli matul it-trasferiment. F'każijiet bħal dawn, ir-rapport speċjali għandu jinkludi deskrizzjoni tal-inċident jew taċ-ċirkostanzi u kwalunkwe azzjoni ulterjuri meħuda.

Għal kull installazzjoni, aktar dettalji dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 26
Komunikazzjoni ta' bidla fid-data

Kwalunkwe bidla fid-dati għall-ippakkjar qabel it-trasferiment, it-trasport jew it-tneħħija mill-ippakkjar ta' materjali nukleari li jkunu ngħataw fin-notifiki previsti fl-Artikoli 23 u 24, għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien, b'indikazzjoni tad-dati riveduti jekk ikunu magħrufa, sakemm il-bidla ma tagħtix bidu għal rapport speċjali.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Artikolu 27

Produtturi ta' minerali

1. Kwalunkwe persuna jew impriża li ttella' l-minerali fit-territorju ta' Stat Membru għandha tiddikjara lill-Kummissjoni l-karatteristiċi tekniċi bażiċi tal-installazzjoni, bl-użu tal-kwestjonarju fl-Anness I-Q, mill-inqas 120 jum qabel id-data meta tibda l-estrazzjoni, u għandha tikkomunika l-programm ta' attivitajiet f'konformità mal-Artikolu 7.
2. B'deroga mill-Artikoli 9, 10 u 11, kwalunkwe persuna jew impriża li ttella' l-minerali għandha żżomm reġistri ta' kontabbiltà li jindikaw, b'mod partikolari, il-kwantitajiet tal-minerali mtella', bil-kontenut medju ta' uranju u torju, u l-istokk ta' minerali mtella' mill-minjiera. Ir-reġistri għandu jkun fihom ukoll dettalji dwar vjeġġi, filwaqt li jitniżżlu d-data, id-destinatarju u l-kwantità f'kull każ.
Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu għal mill-anqas ħames snin.
3. Il-produtturi tal-minerali fit-territorju tal-Istati li jaderixxu mal-Unjoni Ewropea għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-karatteristiċi tekniċi bażiċi tagħhom fi żmien 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat.

Artikolu 28

Rapporti ta' vjeġġi/esportazzjoni ta' minerali

B'deroga mill-Artikoli 12 sa 19 u l-Artikolu 21, kwalunkwe operatur li jtella' minerali għandu jinforma lill-Kummissjoni, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VIII:

- (a) bl-ammont ta' materjal mibgħut minn kull minjiera, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena għas-sena kalendarja preċedenti;
u
- (b) bl-esportazzjonijiet ta' minerali lil pajjiżi terzi, sa mhux aktar tard mid-data ta' meta jintbagħtu.

Artikolu 29

Trasportaturi u aġenti għall-ħżin temporanju

Kwalunkwe persuna jew impriża involuta, fit-territorji tal-Istati Membri, fit-trasport, jew fil-ħżin temporanju matul it-trasport, ta' materjali nukleari għandha tilqa' jew tgħaddi dawn il-materjali biss b'irċevuta ffirmata u ddatata kif suppost. Din l-irċevuta għandha turi l-ismijiet tal-partijiet li jkunu qed jgħaddu u jirċievu l-materjali u tindika l-kwantitajiet li qed jinġarru kif ukoll il-kategorija, il-forma u l-kompożizzjoni tal-materjali.

Jekk ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' protezzjoni fiżika, id-deskrizzjoni tal-materjali ttrasferiti tista' tiġi ssostitwita b'identifikazzjoni xierqa tal-kunsinna. Din l-identifikazzjoni għandha tkun traċċabbli għal reġistri miżmuma mill-operaturi li jibagħtu u jirċievu l-materjali.

Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu mill-partijiet kontraenti għal mill-anqas ħames snin.

Artikolu 30

Reġistri ta' sostituzzjoni għal trasportaturi u aġenti għall-ħżin temporanju

Reġistri diġà miżmuma minn persuni jew impriżi f'konformità mar-regolamenti eżistenti li japplikaw għalihom fit-territorju tal-Istati Membri li fihom joperaw jistgħu jieħdu post ir-reġistri msemmija fl-Artikolu 29, dment li dawn ir-reġistri jkun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa fl-ambitu ta' dak l-Artikolu.

Artikolu 31

Intermedjarji

Kwalunkwe intermedjarju li jieħu sehem fil-konklużjoni ta' kwalunkwe kuntratt għall-forniment ta' materjali nukleari, bħal aġenti awtorizzati, sensara jew aġenti bil-kummissjoni, għandu jżomm ir-reġistri kollha relatati mat-tranżazzjonijiet magħmula minnhom jew f'isimhom għal mill-anqas ħames snin wara l-iskadenza tal-kuntratt. Dawn ir-reġistri għandu jkun fihom l-ismijiet tal-partijiet kontraenti u jindikaw id-data tal-kuntratt kif ukoll il-kwantità, il-kategorija, il-forma, il-kompożizzjoni, l-oriġini u d-destinazzjoni tal-materjali.

Artikolu 32

Trażmissjoni ta' informazzjoni u data

Il-Kummissjoni tista' tibgħat lill-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika informazzjoni u *data* miksuba skont dan ir-Regolament.

Artikolu 33

Lista tal-istokk inizjali tal-iskart u reġistri ta' kontabbiltà

1. L-operaturi fit-territorju tal-Istati li jaderixxu mal-Unjoni Ewropea li jkollhom materjal nukleari fi skart ikkundizzjonat li fih ikunu ġew itterminati s-salvagwardji tal-IAEA għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, fi żmien 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat, lista inizjali tal-istokk ta' dan il-materjal kollu skont il-kategorija.
2. Kwalunkwe operatur li jitratta jew jaħżen materjal nukleari li qabel kien iddikjarat bħala skart miżmum jew ikkundizzjonat, għandu jżomm reġistri ta' kontabbiltà ta' dan.

B'deroga mill-Artikoli 9 sa 13, l-Artikolu 15 u l-Artikolu 19(1) għal materjal li qabel kien iddikjarat bħala skart miżmum u l-Artikoli 9 sa 15 u l-Artikolu 19(1) għal materjal li qabel kien iddikjarat bħala skart ikkundizzjonat, dawn ir-reġistri għandhom jinkludu:

- (a) id-*data* operattiva użata biex jiġu ddeterminati bidliet fil-kwantitajiet u l-kompożizzjoni ta' materjal nukleari;
- (b) lista tal-istokk li għandha tiġi aġġornata kull sena wara t-teħid tal-inventarju fiżiku;
- (c) deskrizzjoni tas-sekwenza ta' azzjonijiet meħuda bi tħejjija għal u t-teħid tal-inventarju fiżiku, u biex ikun żgurat li l-inventarju huwa korrett u komplet;
- (d) deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda bil-għan li tkun żgurata l-kawża u daqs ta' kwalunkwe telf aċċidentali li seta' seħħ;
- (e) il-bidliet kollha tal-istokk, biex l-inventarju fil-kotba jkun jista' jiġi stabbilit meta mitlub.

Ir-ekwiżiti speċifiċi tar-rapportar għall-ipproċessar tal-iskart jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 34

Ipproċessar ta' skart

L-operaturi għandhom jagħtu notifika minn qabel lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kampanja ta' pproċessar ta' materjal li qabel kien iddikjarat bħala skart miżmum jew ikkundizzjonat, minbarra l-imballaġġ mill-ġdid jew il-kundizzjonament ulterjuri mingħajr separazzjoni tal-elementi.

Din in-notifika antiċipata, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness XII, għandha tinkludi informazzjoni dwar l-ammont ta' plutonju, uranju arrikkit għoli u uranju-233 għal kull lott, il-forma (ħġieġ, likwidu attiv għoli, eċċ), it-tul mistenni tal-kampanja, u l-post tal-materjal qabel u wara l-kampanja. Din in-notifika għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni f'forma elettronika mill-anqas 200 jum qabel tibda l-kampanja.

Artikolu 35

Trasferimenti ta' skart ikkundizzjonat

L-operaturi għandhom jippreżentaw f'forma elettronika, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena, rapporti annwali dwar:

- (a) il-vjeġġi u l-esportazzjonijiet ta' skart ikkundizzjonat lejn installazzjoni fit-territorji tal-Istati Membri jew barra minnhom, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness XIII;
- (b) it-twassil jew l-importazzjonijiet ta' skart ikkundizzjonat minn installazzjoni fit-territorji tal-Istati Membri jew barra minnhom, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness XIV;
- (c) il-bidliet fil-post tal-iskart ikkundizzjonat li fih il-plutonju, uranju arrikkit għoli jew uranju-233, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness XV.

Artikolu 36

Terminazzjoni ta' salvagwardji

1. Is-salvagwardji fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jistgħu jintemmu fuq materjal nukleari fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:
 - (a) materjal nukleari li huwa mkejje jew stmat fuq il-bażi ta' kejl, u li ntrema irrevokabilment fl-ambjent bħala riżultat ta' rimi ppjanat. Għal dan il-għan, ir-rimi fl-ambjent għandu jiġi ddikjarat fir-rapport dwar bidla fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 14;
 - (b) materjal nukleari meqjus bħala li ma jistax jiġi rkuprat għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi li huwa inkorporat fi prodotti finali użati għal skopijiet mhux nukleari bħal-liġi jew iċ-ċeramika. Għal dan il-għan, it-terminazzjoni tal-użu għandha tiġi ddikjarata fir-rapport dwar bidla fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 14;
 - (c) materjal nukleari meqjus bħala li ma jistax jiġi rkuprat għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi li jinsab fl-iskart f'konċentrazzjonijiet baxxi ħafna mkejla jew stmati fuq il-bażi tal-kejl, anke jekk dawn il-materjali ma jintremewx. Għal dan il-għan, it-terminazzjoni tas-salvagwardji għandha tiġi ddikjarata fir-rapport dwar il-bidla fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 14.

2. Għat-terminazzjoni tas-salvagwardji kif previst fil-punti (b) u (c), għandha tintbagħat talba rraġunata u ġġustifikata lill-Kummissjoni. L-operatur ikkonċernat se jiġi informat jekk il-kundizzjonijiet għat-terminazzjoni tas-salvagwardji humiex issodisfati.

Artikolu 37

Trasferimenti u inventarji ta' oġġetti għajr materjal nukleari

1. Il-persuni jew l-impriżi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jagħtu notifika antiċipata u jipprovdu konferma mill-aktar fis possibbli lill-Kummissjoni tat-trasferimenti ta' oġġetti għajr materjal nukleari jekk dawn l-oġġetti jkunu soġġetti għal kwalunkwe NCA, bl-użu tal-formola rilevanti fl-Anness XVII jew ta' formola aċċettata simili.
2. F'każ li jkun meħtieġ kunsens minn qabel tal-pajjiż terz għat-trasferiment, il-vjeġġ ma għandux isir qabel ma l-Kummissjoni tikkonferma li jkun ingħata dan il-kunsens minn qabel.
3. Persuni jew impriżi li jkollhom oġġetti għajr materjal nukleari li huma soġġetti għal kwalunkwe NCA għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni rapport annwali f'forma elettronika li jirrifletti l-inventarju fil-31 ta' Diċembru, sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

Artikolu 38

LOF nazzjonali

1. LOF nazzjonali, li jinkludi diversi detenturi individwali ta' ammonti żgħar ta' materjal nukleari (azjendi żgħar) f'dak l-Istat Membru, jista' jiġi stabbilit fuq talba mill-awtorità responsabbli ta' Stat Membru lill-Kummissjoni.
2. L-awtorità responsabbli għandha tissorvelja l-LOF nazzjonali u tiżgura l-implimentazzjoni tal-Artikoli 3-7, 12-19, 21 u 23-26.
3. L-inventarju kkombinat tal-materjal sors u tal-materjal fissili speċjali f'LOF nazzjonali ma għandux jaqbeż kilogramm wieħed effettiv.
4. Id-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi tal-LOF nazzjonali għandha tiġi ppreżentata mill-awtorità responsabbli lill-Kummissjoni bl-użu tal-kwestjonarju fl-Anness I-M. Kwalunkwe aġġornament għandu jiġi ppreżentat, mhux aktar tard minn meta jintbagħat l-elekar tal-inventarju fiżiku previst fl-Artikolu 15.
5. Id-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi għandha tiddeskrivi kif ir-responsabbiltajiet jinqasmu bejn l-awtoritajiet responsabbli u l-azjendi żgħar individwali għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 9-11.
6. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 9, 14 u 15, l-awtorità responsabbli għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li:
 - (a) l-inventarju fiżiku jittieħed fl-istess data mill-azjendi żgħar individwali kollha li jinkludu l-LOF nazzjonali;
 - (b) l-inventarji fiżiċi ta' kull azjenda żgħira individwali jistgħu jiġu identifikati fl-elekar tal-inventarju fiżiku mibgħut lill-Kummissjoni;
 - (c) ir-rapporti tal-kontabbiltà jiġu ssostanzjati b'reġistri operattivi xierqa;
 - (d) id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma implimentati b'mod effettiv fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LOF nazzjonali.

Artikolu 39

Obbligi internazzjonali

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 34 u l-Artikolu 35, il-punt (c), għandhom jiġu applikati f'konformità mal-obbligi tal-Komunità u tal-Istati Membri mingħajr armi nukleari, taħt il-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom.
2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikoli 19, 20, 23, 24 u 37 għandhom jiġu applikati f'konformità mal-NCAs fis-seħħ bejn il-Komunità u pajjiżi terzi u b'mod li l-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tal-Komunità fl-ambitu ta' Ftehimiet bħal dawn.
3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikoli 9-18, 22-26 u 36, għandhom jiġu applikati f'konformità mal-obbligi tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha fl-ambitu tal-Ftehimiet ta' Salvagwardji mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI APPLIKABBLI FIT-TERRITORJU
TAL-ISTATI MEMBRI B'ARMI NUKLEARI**

Artikolu 40

Dispożizzjonijiet speċifiċi għal Stati Membri b'armi nukleari

1. Dan ir-Regolament ma għandux japplika:
 - (a) għal installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet li ġew assenjati biex jissodisfaw rekwiżiti ta' difiża u li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru b'armi nukleari;
jew
 - (b) għal materjali nukleari li ġew assenjati biex jissodisfaw rekwiżiti ta' difiża minn dak l-Istat Membru b'armi nukleari.
2. Għal materjali nukleari, installazzjonijiet u partijiet ta' installazzjonijiet li jistgħu jiġu assenjati biex jissodisfaw rekwiżiti ta' difiża u li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru b'armi nukleari, il-livell tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-proċeduri li japplika taħthom għandhom jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni bi qbil mal-Istat Membru b'armi nukleari kkonċernat, filwaqt li jqisu d-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 84 tat-Trattat. Dawn il-proċeduri huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-ispetturi tal-Kummissjoni japplikaw salvagwardji u jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 77 tat-Trattat. Dawn il-proċeduri jinkludu dispożizzjonijiet għal installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet taħt dekkommissjonar. B'deroga, jista' jiġi miftiehem, fuq bażi ta' każ b'każ, li jiġu ppreżentati reġistri speċifiċi lill-ispetturi tal-Kummissjoni minflok id-dokumenti tat-trasport previsti fl-Artikolu 10(a).

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2:
- (a) id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3(1), 4 u 8 għandhom japplikaw għal installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet li f'ċerti żminijiet jiġu mħaddma esklużivament b'materjali nukleari li jistgħu jiġu assenjati biex jissodisfaw rekwiżiti ta' difiża iżda li fi żminijiet oħrajn huma mħaddma esklużivament b'materjali nukleari ċivili;
 - (b) id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3(1), 4 u 8 għandhom japplikaw, b'eċċezzjonijiet għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, għal installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet li għalihom l-aċċess jista' jkun limitat għal dawn ir-raġunijiet iżda li jipproduċu, jittrattaw, jisseparaw, jirriproċessaw jew jużaw bi kwalunkwe mod ieħor, simultanament, kemm materjali nukleari ċivili kif ukoll materjali nukleari assenjati jew li jistgħu jiġu assenjati għal rekwiżiti ta' difiża;
 - (c) id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 7, l-Artikoli 9 sa 37, il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikoli 41, 42 u 43 għandhom japplikaw fir-rigward tal-materjali nukleari ċivili kollha li jinsabu f'installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu;
 - (d) id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6(1), l-Artikolu 34 u l-Artikolu 35(c) ma għandhomx japplikaw fit-territorji ta' Stati Membri b'armi nukleari.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 41

Kunfidenzjalità tad-data

1. L-informazzjoni miksuba jew ittrattata mill-Kummissjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament hija soġġetta għar-regoli ta' sigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE/Euratom) 2015/443 u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE/Euratom) 2015/444, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (Euratom) Nru 3 li jimplimenta l-Artikolu 24 tat-Trattat.
2. Is-sigurtà tat-trażmissjoni tal-informazzjoni għandha tkun f'konformità mar-regoli tal-Kummissjoni u mar-rekwiżiti tal-Istati Membri għat-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni.

Artikolu 42

Installazzjonijiet ikkontrollati minn barra l-Komunità

Meta installazzjoni tkun ikkontrollata minn persuna jew impriża stabbilita barra mill-Komunità, kwalunkwe obbligu impost minn dan ir-Regolament għandu jiġi ssodisfat mill-ġestjoni lokali tal-installazzjoni.

Artikolu 43

Implimentazzjoni u monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta u tippubblika Linji gwida għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament permezz ta' Rakkomandazzjoni, u, jekk meħtieġ, taġġornahom

fid-dawl tal-esperjenza miksuba, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u wara li tkun kisbet osservazzjonijiet minn partijiet interessati.

2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien 10 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u tirraporta dwar is-sejbiet ewlenin lill-Kunsill.

Artikolu 44

Tħassir

Ir-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 45

Perjodu tranżizzjonali

Fuq talba debitament iġġustifikata u l-preżentazzjoni ta' programm ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista', fuq bażi ta' każ b'każ, tagħti eżenzjoni mill-obbligu li jintuża l-format stabbilit fl-Anness X għal-lista ta' oġġetti tal-inventarju. Din għandha tingħata għal massimu ta' sentejn.

Artikolu 46

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-xxx jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

KWESTJONARJU GĦAD-DIKJARAZZJONI TAL-KARATTERISTIĊI TEKNIĊI BAŻIĊI (BTC) TAL-INSTALLAZZJONIJIET

NB:

1. It-tweġiba “mhux applikabbli” tista’ tingħata meta l-mistoqsija titqies mhux pertinenti fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tal-installazzjoni. F’każ bħal dan, ir-raġuni għaliex il-mistoqsija titqies mhux applikabbli trid tiġi spjegata fil-qosor.
2. Għal aġġornamenti tad-dikjarazzjoni, jekk jogħġbok semmi l-modifiki introdotti. F’każ ta’ aġġornamenti, il-BTC sħaħ jenħtieġ li jiġu trażmessi b’numru tal-verżjoni ġdid.
3. Il-mudelli elettroniċi huma disponibbli permezz tal-Kummissjoni.
4. Id-dikjarazzjoni, mimlija u ffirmata kif xieraq (diġitalment jekk possibbli), jenħtieġ li tintbagħat f’forma elektronika lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNEX I-A. REATTURI TAL-ENERĠIJA U TAR-RIĊERKA

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta’ kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).
- Indika l-kodič(i) (jiet) tal-MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).
2. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elektronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta’ kuntatt.
4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta’ kuntatt.
5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).
6. L-iskop u t-tip ta’ installazzjoni.
7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew qed tiġi ddekummissjonata).
8. Informazzjoni ta’ qabel it-tħaddim

Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzja mitluba u/jew approvati (eż. deċiżjoni fil-prinċipju, id-dati tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tat-twassil tal-materjal nukleari. Disinji tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

L-informazzjoni ta' qabel it-tħaddim hija relatata mal-proċess ta' "salvagwardji mid-disinn" u hija essenzjali biex tippermetti l-integrazzjoni tal-infrastruttura tat-tagħmir tas-salvagwardji fid-disinn u fil-kostruzzjoni sussegwenti tal-installazzjoni.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xift adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).
10. It-tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, ir-reattur(i) u ż-żoni ta' ħżin, il-konfini, il-bini, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).
11. Tqassim tal-installazzjoni:
 - (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (konteniment strutturali, ċnut u rotot ta' aċċess);
 - (b) żona tal-ħżin ta' materjal dieħel;
 - (c) żona tar-reattur(i);
 - (d) żona għat-testijiet u l-esperimenti, laboratorji;
 - (e) żona tal-ħżin tal-materjal hierieg;
 - (f) żona tal-ħżin tal-iskart.
12. Il-persuna responsabbli mis-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar ir-reattur

13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (li tindika l-oġġetti ewlenin tat-tagħmir).
14. L-output termiku u tal-elettriku nominali (meta applikabbli).
15. Numru ta' unitajiet.
16. Tip ta' reattur.
17. Tip ta' riforniment tal-fjuwil (tul taċ-ċiklu, bit-tagħbija jew mingħajr tagħbija, perċentwal ta' llovdjar mill-ġdid tal-fjuwil).
18. Il-medda ta' arrikkiment ewlieni u l-konċentrazzjoni ta' Pu (f'ekwilibriju għar-reattur ta' tagħbija, inizjali u finali għar-reatturi mhux mgħobbija).
19. Moderatur.
20. Likwidu għat-tkessiħ.
21. Kutra, riflettur.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻI DAWK LI JIRRELATAW MA' UŻU U MMANIĠĠAR TAL-MATERJAL

Deskrizzjoni ta' materjal nukleari

22. Tipi ta' fjuwil frisk.
23. L-arrikkiment tal-fjuwil frisk (U-235) u/jew il-kontenut ta' Pu (arrikkiment medju għal kull tip ta' assemblaġġ).
24. Piż nominali ta' fjuwil f'elementi/assemblaġġi b'tolleranzi tad-disinn.
25. Forma fiżika u kimika ta' fjuwil frisk.

26. Deskrizzjoni dettaljata tal-assemblaġġi tar-reattur:
- tip ta' assemblaġġi tal-fjuwil;
 - numru ta' assemblaġġi tal-fjuwil, ta' assemblaġġi ta' kontroll u ta' shim, ta' assemblaġġi sperimentali fil-qalba, f'żona/i tal-kutra/i;
 - numru u tipi ta' vireg/elementi tal-fjuwil;
 - arrikkiment medju u/jew kontenut ta' Pu għal kull assemblaġġ;
 - struttura ġenerali;
 - il-forma ġeometrika;
 - id-dimensjonijiet;
 - il-materjal ta' tlibbis.
27. Deskrizzjoni dettaljata ta' kull tip ta' fjuwil frisk:
- il-forma fiżika u kimika tal-fjuwil;
 - il-materjal nukleari u l-materjal fissili u l-kwantità tiegħu;
 - l-arrikkiment u/jew il-kontenut ta' Pu;
 - il-forma ġeometrika;
 - id-dimensjonijiet;
 - in-numru ta' blalen/pellets għal kull element;
 - il-kompożizzjoni tal-liga;
 - il-materjal tat-tlibbis (ħxuna, kompożizzjoni tal-materjal, rabta).
28. Dispożizzjoni għall-iskambju tal-labra f'kull tip ta' assemblaġġ tal-fjuwil. Indika jekk dan huwiex previst li jsir operazzjoni ta' rutina.
29. Unitajiet ta' kontabbiltà operazzjonali bażiċi (elementi/assemblaġġi tal-fjuwil, eċċ.).
30. Tipi oħrajn ta' unitajiet ta' kontabbiltà.
31. Mezzi ta' materjal nukleari u/jew identifikazzjoni tal-fjuwil.
32. Materjal nukleari ieħor u l-manikini (eż. ilqugħ, kmamar tal-fissjoni, sorsi, eċċ.).

Fluss ta' materjal nukleari

33. Skeda skematika tal-fluss għall-materjal nukleari (li tidentifika l-punti tal-kejl, iż-żoni ta' responsabbiltà, il-postijiet tal-inventarju).
34. Inventarju bil-medda ta' kwantità inkluż l-arrikkiment tal-uranju u l-kontenut tal-plutonju, in-numru ta' oġġetti f'Punti ta' Kejl Ewlenin (f'kundizzjonijiet operattivi normali) fi:
- ħżin ta' fjuwil frisk;
 - qalba tar-reattur;
 - ħżin tal-fjuwil użat;

- (d) postijiet oħrajn.
- 35. Fattur tat-tagħbija.
- 36. Tagħbija tal-qalba tar-reattur (numru ta' elementi u assemblaġġi).
- 37. Rekwiżiti ta' riforniment tal-fjuwil.
- 38. Ħruq, medja u massimu.
- 39. Indika l-mod kif għandhom jiġu mmaniġġati l-assemblaġġi tal-fjuwil irradijati (li għandhom jinħażnu jew jiġu riproċessati fin-niexef/fl-umdu).

Immaniġġar tal-materjal nukleari

- 40. Arranġament ġenerali għall-fjuwil frisk:
 - (a) it-tqassim, il-pjan tal-ħżin u l-imballaġġ;
 - (b) kapaċità tal-ħżin;
 - (c) preparazzjoni tal-fjuwil u l-kamra tal-assaġġ u ż-żona tat-tagħbija tar-reattur, id-deskrizzjoni u l-indikazzjoni tat-tqassim u tal-arranġament ġenerali.
- 41. Tagħmir għat-trasferiment tal-fjuwil (inkluża magna tar-riforniment tal-fjuwil).
- 42. Rotot segwiti minn fjuwil frisk, fjuwil irradijati, kutra u materjal nukleari ieħor.
- 43. Bastiment tar-reattur (li juri l-post ewlieni, l-aċċess għall-bastimenti, il-fetħiet tal-bastimenti u l-immaniġġar tal-fjuwil fil-bastiment).
- 44. Dijagramma tal-qalba tar-reattur (li turi d-dispożizzjoni ġenerali, il-kannizzati, il-forma, il-piċċ, id-dimensjonijiet tal-qalba, ir-riflettur, il-kutra, il-post, il-forom u d-dimensjonijiet tal-elementi/assemblaġġi tal-fjuwil, l-elementi/l-assemblaġġi ta' kontroll, l-elementi/l-assemblaġġi sperimentali).
- 45. Numru u daqs tal-kanali għall-elementi jew l-assemblaġġi tal-fjuwil u għall-elementi ta' kontroll fil-qalba.
- 46. Fluss medju tan-newtroni fil-qalba (termali/veloċi).
- 47. Strumentazzjoni għall-kejl tal-fluss tan-newtroni u tal-gamma.
- 48. Arranġament ġenerali għall-fjuwil irradijati:
 - (a) it-tqassim, il-ħżin tal-fjuwil użat;
 - (b) metodu ta' ħżin;
 - (c) disinn tal-kapaċità tal-ħżin;
 - (d) il-perjodu minimu u normali ta' tkessiħ qabel il-vjeġġ;
 - (e) id-deskrizzjoni tat-tagħmir tat-trasport tal-fjuwil irradijati u tal-bettija tat-trasport.
- 49. Il-livell massimu ta' radjazzjoni tal-fjuwil/kutra wara r-riforniment (rata tad-doża fuq is-superfiċje u f' distanza ta' metru).
- 50. Metodi u tagħmir użati għall-immaniġġar tal-fjuwil irradijati (tneħħija tal-labra, żennuna ta' fuq)
- 51. Żona ta' ttestjar tal-materjal nukleari (jekk applikabbli):

- (a) deskrizzjoni fil-qosor tal-attivitajiet imwettqa;
- (b) deskrizzjoni tat-tagħmir ewlieni (eż. ċellola taħraq, tneħħija tat-tlibbis tal-assemblaġġ tal-fjuwil u tagħmir li jħoll);
- (c) deskrizzjoni tal-kontejners tat-trasport u tal-ħżin għal materjal nukleari u ta' imballaġġ ta' skart u fdalijiet (eż. biex jiġi ddeterminat jekk hux possibbli l-issiġillar);
- (d) deskrizzjoni taż-żona ta' ħżin għal materjal nukleari mhux irradjat u radjat;
- (e) tqassim u arranġament ġenerali.

Data tal-likwidu ta' tkessiħ

52. Dijagramma tal-fluss (li tindika l-fluss tal-massa, it-temperatura u l-pressjoni f'punti ewlenin, eċċ.).

Miżuri ta' protezzjoni u sikurezza

53. Il-miżuri bażiċi għall-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari.
54. Ir-regoli speċifiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

55. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:
- (a) Ġenerali

Deskrizzjoni tal-kotba u l-forom tagħhom (kopji elettroniċi jew stampati), metodu ta' reġistrazzjoni tad-*data* tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċ materjali;
 - (b) Bidliet ewlenin fl-inventarju

Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. l-irċevuti, il-vjeġġi (inkluż l-iskart), it-telf u l-produzzjoni nukleari, inkluża deskrizzjoni ta' kif dawn il-bidliet jiġu ddeterminati. Jenħtieġ li jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-*data* tas-sors (eż. formoli ta' riċeviment u ta' trasport, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-folji ta' kontroll tal-kejl);
 - (c) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għan-numru ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom), inklużi metodi ta' assaġġ rilevanti u l-akkuratezza mistennija, l-aċċess għall-materjal nukleari, metodi possibbli għall-verifika fiżika ta' materjali nukleari friski u radjati;
 - (d) Reġistri operazzjonali u ta' kontabbiltà (inklużi ġurnali ta' abbord, kotba ġenerali, formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri)

Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

- (e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà
Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-deżinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-iffissar f'waqtu ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.
56. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, ta' kameras, ta' lasers, ta' trażmissjoni ta' *data* mill-bogħod, eċċ.).
57. Għal kull punt ta' kejl taż-żona tal-bilanċ tal-materjal ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:
- (a) il-post, it-tip, l-identifikazzjoni;
 - (b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju;
 - (c) il-possibbiltà li jintuża dan il-punt ta' kejl għat-teħid ta' inventarju fiżiku;
 - (d) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari;
 - (e) il-kontenituri u l-imballaġġ tal-materjal nukleari;
 - (f) il-proċeduri tal-kampjunar u t-tagħmir użat;
 - (g) il-metodi u t-tagħmir tal-kejl użati għall-għadd tal-oġġetti, il-fluss tan-newtroni, il-livell tal-enerġija, il-ħruq u l-produzzjoni nukleari eċċ.;
 - (h) is-sors u l-livell ta' akkuratezza;
 - (i) it-teknika u frekwenza tal-kalibrizzjoni tat-tagħmir użat;
 - (j) il-programm għall-istima kontinwa tal-akkuratezza tal-metodi u t-tekniki użati;
 - (k) il-metodu tal-konverżjoni tad-*data* tas-sors għad-*data* tal-gruppi (proċeduri kalkolattivi, kostant użat, eċċ.);
 - (l) il-fluss mistenni tal-lott fis-sena;
 - (m) in-numru mistenni ta' gruppi tal-inventarju;
 - (n) in-numru mistenni ta' oġġetti għal kull fluss;
 - (o) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità stmata ta' materjal nukleari għal kull lott (medja), il-forma tal-materjal nukleari u l-kompożizzjoni isotopika tipika;
 - (p) l-aċċess għall-materjal nukleari u post fejn jinsab.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

58. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).
59. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:
- (a) avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;
 - (b) tneħħija u rkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari se jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif se jiġi kontabilizzat;

- (c) tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

60. Informazzjoni u tpinġijiet fakultattivi oħrajn li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNEX I-B. INSTALLAZZJONIJIET KRITIĊI U SUBKRITIĊI

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).
 - Indika l-kodiċi(jiet) tal-MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).
2. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefwn.
3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).
6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.
7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew qed tiġi ddekummissjonata).
8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim
Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmata għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzja mitluba u/jew approvati (eż. id-deċiżjoni tal-prinċipju, il-kostruzzjoni u d-dati mistennija tat-talba għal-liċenzja tat-tħaddim. Informazzjoni dwar id-data mistennija tat-twassil tal-materjal nukleari. Disinji tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.
L-informazzjoni ta' qabel it-tħaddim hija relatata mal-proċess ta' "salvagwardji mid-disinn" u hija essenzjali biex tippermetti l-integrazzjoni tal-infrastruttura tat-tagħmir tas-salvagwardji fid-disinn u fil-kostruzzjoni sussegwenti tal-installazzjoni.
9. Il-mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xift adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).
10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).
11. Tqassim tal-installazzjoni:
 - (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (konteniment strutturali, ċnut u rotot ta' aċċess);
 - (b) żona/i ta' ħżin ta' materjal nukleari;
 - (c) żoni ta' ħżin tal-iskart;
 - (d) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;
 - (e) żoni għat-testijiet u l-esperimenti, laboratorji.

12. Il-persuna responsabbli mis-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar l-installazzjoni

13. Numru ta' assemblaġġi kritiċi fl-installazzjoni u l-post tagħhom.
14. Enerġija ta' tħaddim u/jew fluss tan-newtroni massimi mistennija.
15. Deskrizzjoni tal-moderatur, tar-riflettur, tal-kutra u tal-element ta' tkessiġ.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻI DAWK LI JIRRELATAW MA' UŻU U MMANIĠĠAR TAL-MATERJAL

Deskrizzjoni ta' materjal nukleari

16. It-tipi ewlenin ta' materjal nukleari/fjuwil u l-piż nominali tal-materjal nukleari fl-installazzjoni.
17. Medda ta' arrikkiment tal-fjuwil u kontenut ta' Pu.
18. Deskrizzjoni, permezz ta' tpinġijiet jew mod ieħor, tal-materjal tal-fjuwil (għal kull tip):
 - (a) kompożizzjoni kimika jew kostitwenti ewlenin tal-liga;
 - (b) forma u daqs;
 - (c) numru ta' blalen għal kull element;
 - (d) arrikkiment;
 - (e) piż nominali ta' materjal nukleari, b'tolleranzi tad-disinn;
 - (f) kompożizzjoni tal-liga, eċċ.
19. Materjal tat-tlibbis (ħxuna, kompożizzjoni tal-materjal u rbit).
20. Subassemblaġġi tal-fjuwil (numru ta' elementi tal-fjuwil għal kull assemblaġġ nukleari, arranġament ta' elementi tal-fjuwil fis-subassemblaġġ, konfigurazzjoni u piż nominali tal-materjal nukleari għal kull subassemblaġġ b'tolleranza tad-disinn).
21. Unità ta' kontabbiltà operazzjonali bażika (elementi/assemblaġġi tal-fjuwil, eċċ.).
22. Tipi oħrajn ta' unitajiet.
23. Mezzi ta' identifikazzjoni tal-materjal nukleari/tal-fjuwil.
24. Materjal nukleari ieħor u manikini (fil-qosor semmi l-materjal, l-iskop u l-metodu tal-użu, eż. bħala vireg tal-buster, ilqugħ, kmamar tal-fissjoni, sorsi).

Fluss ta' materjal nukleari

25. Folja skematika tal-fluss għall-materjal nukleari (identifikazzjoni tal-punti tal-kejl, taż-żoni ta' responsabbiltà, tal-postijiet tal-inventarju, eċċ., għal finijiet ta' operatur).
26. Inventarju b'medda ta' kwantità inkluż l-arrikkiment tal-uranju u l-kontenut tal-plutonju, għal:

- (a) ħżin ta' materjal nukleari;
- (b) żona/i tal-qalba;
- (c) il-qalba tal-assemblaġġ innifsu;
- (d) postijiet oħrajn.

Post u mmaniġġar tal-materjal nukleari (għal kull żona ta' responsabbiltà)

- 27. Dijagramma ewlenija (għal kull assemblaġġ kritiku li turi d-dispożizzjoni ġenerali, l-istruttura ta' appoġġ ewlieni, l-arranġamenti għall-ilqugħ u għat-tneħħija tas-sħana, il-kanali għall-elementi tal-fjuwil jew is-subassemblaġġi, il-vireg ta' kontroll, il-moderatur, ir-riflettur, it-tubi tar-raġġ, id-dimensjonijiet, eċċ.).
- 28. Meded ta' massa kritika u raġġ massimu.
- 29. Deskrizzjoni tal-konfigurazzjonijiet l-aktar komuni.
- 30. Fluss medju tan-newtroni fil-qalba (termali/veloċi).
- 31. L-istrumenti għall-kejl tal-fluss tan-newtroni u tal-gamma (l-akkuratezza u t-tip ta' strumenti; post tal-indikatur u tar-reġistratur).
- 32. Livell massimu ta' radjazzjoni barra/ġewwa l-ilqugħ f' postijiet speċifikati (rata tad-doża).
- 33. Il-livell massimu ta' radjazzjoni tal-fjuwil wara r-riforniment/l-operazzjoni (rata tad-doża fuq is-superfiċje u f' distanza ta' metru).
- 34. Ħżin ta' materjal nukleari:
 - (a) deskrizzjoni tal-imballaġġ;
 - (b) pjan u arranġamenti tal-ħżin;
 - (c) kapaċità tal-ħżin;
 - (d) tneħħija tal-materjal nukleari (deskrizzjoni u identifikazzjoni tat-tqassim u tal-arranġament ġenerali).
- 35. Rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari.
- 36. Tagħmir ewlieni użat għal:
 - (a) assemblaġġ u żarmar tal-fjuwil;
 - (b) ittestjar tal-materjal nukleari;
 - (c) kejl tal-materjal nukleari.
- 37. Tagħmir għat-trasferiment tal-fjuwil, jekk ikun hemm.

Miżuri ta' protezzjoni u sikurezza

- 38. Il-miżuri bażiċi għall-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari.
- 39. Ir-regoli speċifiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

- 40. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:

- (a) Ġenerali
- Deskrizzjoni tal-kotba u l-forom tagħhom (kopji elettroniċi jew stampati), metodu ta' reġistrazzjoni tad-*data* tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċ materjali;
- (b) Bidliet ewlenin fl-inventarju
- Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. it-twassil u l-vjeġġi, inkluża deskrizzjoni ta' kif jiġu ddeterminati dawn il-bidliet. Jenħtiegħ li jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-*data* tas-sors (eż. formoli ta' twassil u ta' trasport, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u tal-folji ta' kontroll tal-kejl);
- (c) Inventarju fiżiku
- Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għan-numru ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom), inklużi metodi ta' assaġġ rilevanti u l-akkuratezza mistennija, l-aċċess għall-materjal nukleari, metodi possibbli għall-verifika fiżika ta' materjali nukleari friski u rradjati;
- (d) Reġistri operazzjonali u ta' kontabbiltà (inklużi ġurnali ta' abbord, kotba ġenerali, formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).
- Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtiegħ aġġustament jew korrezzjoni, post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;
- (e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà
- Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-deżinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-iffissar f'waqt ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.
41. Il-frekwenza taż-żarmar tal-qalba biex tkun tista' ssir il-verifika ta' materjal nukleari li fiha.
42. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, ta' kameras, ta' lasers, ta' trażmissjoni ta' *data* mill-bogħod, eċċ.).
43. Għal kull punt ta' kejl taż-żona tal-bilanċ tal-materjal ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:
- (a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;
- (b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju;
- (c) il-possibbiltajiet li jintuża dan il-punt ta' kejl għat-teħid ta' inventarju fiżiku;
- (d) il-forma fiżika u kimika ta' materjal nukleari (bid-deskrizzjoni tal-materjali tat-tlibbis);
- (e) il-kontenituri, l-imballaġġ tal-materjal nukleari;
- (f) il-proċedura tal-kampjunar u t-tagħmir użat;
- (g) il-metodu/i ta' kejl u t-tagħmir użat;
- (h) sors u livell ta' żbalji aleatorji u sistematiċi (kejl);

- (i) it-teknika u frekwenza tal-kalibrazzjoni tat-tagħmir użat;
- (j) il-metodu tal-konverżjoni tad-*data* tas-sors lejn *data* tal-lottijiet;
- (k) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-gruppi;
- (l) ir-rata mistennija tal-fluss tal-lott fis-sena;
- (m) in-numru mistenni ta' gruppi tal-inventarju;
- (n) in-numru mistenni ta' oġġetti għal kull fluss;
- (o) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-materjal nukleari għal kull lott, il-piż totali tal-materjal nukleari f'oġġett, il-kompożizzjoni isotopika meta jkun xieraq u l-forma tal-materjal nukleari.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

- 44. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).
- 45. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:
 - (a) avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;
 - (b) tneħħija u rkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari se jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif se jiġi kontabilizzat;
 - (c) tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

- 46. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNEX I-C. INSTALLAZZJONIJIET TA' KONVERŻJONI U TA' MANIFATTURA TAL-FJUWIL

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).
 - Indika l-kodiċi(jiet) tal-MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).
2. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).
6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.
7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew qed tiġi ddekummissjonata).
8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzja mitluba u/jew approvati (eż. id-deċiżjoni tal-prinċipju, id-dati tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tat-twassil tal-materjal nukleari. Disinji tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

L-informazzjoni ta' qabel it-tħaddim hija relatata mal-proċess ta' "salvagwardji mid-disinn" u hija essenzjali biex tippermetti l-integrazzjoni tal-infrastruttura tat-tagħmir tas-salvagwardji fi stadju bikri tal-proġett ta' kostruzzjoni fid-disinn tal-installazzjoni.
9. Il-mod tat-tħaddim li jinfluwenza l-produzzjoni tiegħu (sistema ta' xift adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' ta' tħaddim fis-sena, eċċ.).
10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).
11. Tqassim tal-installazzjoni:
 - (a) kontenut strutturali, ċnut u rotot ta' aċċess;
 - (b) kontenut ta' ċerti partijiet tal-installazzjoni;
 - (c) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;
 - (d) żoni ta' ħżin ta' materjal nukleari;
 - (e) kull żona ewlenija ta' pproċessar u laboratorju tal-iproċessar;
 - (f) żoni ta' ttestjar u sperimentali;

- (g) iż-żona tal-ħżin tal-iskart;
 - (h) laboratorju analitiku.
12. Il-persuna responsabbli mis-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Parametri ġenerali tal-proċess

- 13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (li tindika l-oġġetti ewlenin tat-tagħmir).
- 14. Deskrizzjoni tal-proċess (li tindika t-tip ta' konverżjoni, il-metodu ta' manifattura, il-metodi ta' kampjunar, eċċ., li tindika wkoll il-modifika tal-forom fiżiċi u kimiċi).
- 15. Il-kapaċità tad-disinn (fil-piż tal-prodotti prinċipali fis-sena).
- 16. Il-produzzjoni mistennija (fil-forma ta' programm bil-quddiem li jindika l-proporzjon ta' diversi tipi ta' għalf u prodotti).
- 17. Oġġetti importanti oħrajn ta' tagħmir li juża, jipproduċi jew jipproċessa materjal nukleari (bħal tagħmir ta' ttestjar u sperimentali).

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻI DAWK RELATATI MAL-UŻU TAL-MATERJAL U L-KONTABBILTÀ, IL-KONTENIMENT U S-SORVELJANZA

Deskrizzjoni ta' materjal nukleari

- 18. Deskrizzjoni tal-materjal ewlieni (għalf, prodott intermedju, prodott):
 - (a) il-forma kimika u fiżika (għall-prodott inkludi t-tipi ta' element/assemblaġġi tal-fjuwil, agħti deskrizzjoni dettaljata li tindika l-istruttura ġenerali u l-istruttura ġenerali u d-dimensjonijiet ġenerali tal-element/assemblaġġ tal-fjuwil, inkluż il-kontenut tal-materjal nukleari u l-arrikkiment);
 - (b) il-produzzjoni, il-meded ta' arrikkiment u l-kontenut ta' Pu (għal operazzjoni normali tal-iskeda tal-fluss li tindika jekk ikunx hemm taħlit u/jew riċiklaġġ);
Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-deżinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-iffissar f'waqt ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.
28. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, ta' kameras, ta' lasers, ta' trażmissjoni ta' *data* mill-bogħod, eċċ.).
29. Għal kull punt ta' kejl taż-żona tal-bilanċ tal-materjal, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:
 - (a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

- (b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju;
- (c) il-possibbiltà li jintuża dan il-punt ta' kejl għat-teħid ta' inventarju fiżiku;
- (d) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari;
- (e) il-kontenituri tal-materjal nukleari;
- (f) il-proċeduri tal-kampjunar u t-tagħmir użat;
- (g) il-metodi u t-tagħmir tal-kejl;
- (h) l-oriġini u l-livell ta' żbalji aleatorji u sistematiki (piż, volum, teħid ta' kampjuni, test mhux distruttiv);
- (i) it-teknika u frekwenza tal-kalibrazzjoni tat-tagħmir użat;
- (j) il-metodu tal-konverżjoni tad-*data* tas-sors lejn *data* tal-lottijiet;
- (k) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-gruppi;
- (l) il-fluss mistenni tal-lott fis-sena;
- (m) in-numru mistenni ta' lottijiet tal-inventarju b'kapaċità ta' ħżin relatata;
- (n) in-numru mistenni ta' oġġetti għal kull fluss;
- (o) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-materjal nukleari għal kull lott, il-piż stmat ta' kull element ta' materjal nukleari, il-kompożizzjoni isotopika meta jkun xieraq u l-forma tal-materjal nukleari.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

- 30. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).
- 31. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:
 - (a) avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;
 - (b) tneħħija u rkupru ta' materjal nukleari. Ipprovi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari se jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif se jiġi kontabilizzat;
 - (c) tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

- 32. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNEX I-H. INSTALLAZZJONIJIET TAT-TRATTAMENT, TAL-ĦŻIN U TAR-RIMI TAL-ISKART

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).
 - Indika l-kodiċi(jiet) tal-MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).
2. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).
6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.
7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew qed tiġi ddekummissjonata, magħluqa (għall-installazzjonijiet tar-rimi biss)).
8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzja mitluba u/jew approvati (eż. id-deċiżjoni tal-prinċipju, id-dati tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tat-twassil tal-materjal nukleari. Disinji tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

L-informazzjoni ta' qabel it-tħaddim hija relatata mal-proċess ta' "salvagwardji mid-disinn" u hija essenzjali biex tippermetti l-integrazzjoni tal-infrastruttura tat-tagħmir tas-salvagwardji fi stadju bikri tal-proġett ta' kostruzzjoni fid-disinn tal-installazzjoni.
9. Il-mod tat-tħaddim li jinfluwenza l-produzzjoni (sistema ta' xift adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim fis-sena).
10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).
11. Tqassim tal-installazzjoni:
 - (a) kontenut strutturali, ċnut u rotot ta' aċċess;
 - (b) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;
 - (c) żoni ta' ħżin tal-iskart;
 - (d) żoni għar-rimi tal-iskart;
 - (e) kull żona ewlenija ta' pproċessar u laboratorju tal-iproċessar;
 - (f) żoni ta' ttestjar u sperimentali;

- (g) laboratorju analitiku.
12. Il-persuna responsabbli mis-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Parametri ġenerali tal-proċess

13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (li tindika l-oġġetti ewlenin tat-tagħmir).
14. Deskrizzjoni tal-proċess (li tindika wkoll il-modifika ta' forom fiżiċi u kimiċi).
15. Il-kapaċità tad-disinn (fil-piż tal-prodotti prinċipali fis-sena).
16. Il-produzzjoni mistennija (fil-forma ta' programm bil-quddiem li jindika l-proporzjon ta' diversi tipi ta' għalf u prodotti).
17. Oġġetti importanti oħrajn ta' tagħmir li juża, jipproduċi jew jipproċessa materjal nukleari (bħal tagħmir ta' ttestjar u sperimentali).

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻI DAWK RELATATI MAL-UŻU TAL-MATERJAL U L-KONTABBILTÀ, IL-KONTENIMENT U S-SORVELJANZA

Deskrizzjoni ta' materjal nukleari

18. Deskrizzjoni tal-materjal ewlieni:
- (a) forom kimiċi u fiżiċi (inkluż il-kontenut tal-materjal nukleari u l-arrikkiment);
 - (b) id-daqs tal-lott/ir-rata tal-fluss u l-perjodu tal-kampanja, il-mezz ta' identifikazzjoni tal-lott;
 - (c) żoni ta' ħżin tal-materjal nukleari u l-inventarju tal-impjanti (li jindikaw kwalunkwe bidla bil-produzzjoni);
 - (d) il-frekwenza tat-twassil jew tal-vjeġġ (gruppi/unitajiet fix-xahar).
19. Materjal nukleari ieħor fl-installazzjoni u fil-post fejn tinsab, jekk ikun hemm.
20. Folja skematika tal-fluss għall-materjal nukleari (li tidentifika l-punti ta' kampjunar, il-punti ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, iż-żoni ta' responsabbiltà, il-postijiet tal-inventarju, eċċ.).
21. It-tipi, il-forma, il-meded ta' kontenut ta' materjal nukleari (inkluż l-arrikkiment, kif applikabbli), il-meded ta' kwantitajiet ta' fluss ta' materjal nukleari għal kull żona ta' mmaniġġar tal-materjal nukleari.

Immaniġġar tal-materjal nukleari

22. Deskrizzjoni ta' kontenituri, imballaġġ u ż-żona tal-ħżin.
23. Metodi u mezzi tat-trasferiment tal-materjal nukleari (iddeskrivi wkoll it-tagħmir użat).
24. Rotot ta' trasport segwiti minn materjal nukleari (b'referenza għat-tqassim tal-impjant).
25. Lqugħ (għall-ħżin u t-trasferiment).

Manutenzjoni tal-installazzjoni

26. Manutenzjoni, dekontaminazzjoni, tindif (f'każijiet fejn it-tindif u/jew il-kampjunar ma jkunx possibbli, indika kif jitkejjel jew jiġi kkalkolat l-istabbiliment tal-materjal nukleari):
- (a) manutenzjoni normali tal-installazzjoni;
 - (b) installazzjoni u dekontaminazzjoni tat-tagħmir u l-irkupru sussegwenti tal-materjal nukleari;
 - (c) installazzjoni u tindif tat-tagħmir, inklużi mezzi biex jiġu żgurati li l-bastimenti jkunu vojta;
 - (d) l-istartjar tal-installazzjoni u t-tifi tal-impjant (jekk ikunu differenti mit-tħaddim normali).

Miżuri ta' protezzjoni u sikurezza

27. Il-miżuri bażiċi għall-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari.
28. Regoli speċifiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi (jekk estensivi, ehmeż separatament).

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

29. Deskrizzjoni tas-sistema NMAC, il-metodu ta' reġistrazzjoni u rapportar tad-*data* tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċi materjali, il-frekwenza tat-teħid tal-inventarju fiżiku, il-proċeduri għall-aġġustament tal-kontijiet wara l-inventarju tal-impjant, l-iżbalji, eċċ., taħt l-intestaturi li ġejjin:
- (a) Ġenerali
Deskrizzjoni tal-kotba u l-forma tagħhom (kopji elettroniki jew stampati). *Data* tas-sors (eż. formoli tat-trasport u tat-twassil, dokumenti ta' trasferiment intern, formoli tal-inventarju fiżiku, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u tal-folji ta' kontroll tal-kejl). Il-proċeduri biex isiru l-aġġustamenti u l-korrezzjonijiet (li jindikaw kif l-aġġustamenti huma awtorizzati u ssostanzjati);
 - (b) Irċevuti (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati d-differenzi konsenjatur/destinatarju u l-korrezzjonijiet sussegwenti tal-kontabbiltà; kontrolli u kejl użati biex jiġi kkonfermat il-kontenut tal-materjal nukleari);
 - (c) Vjeġġi (prodotti, skart);
 - (d) Trasferimenti għall-iskart miżmum (metodu ta' stabbiliment tal-kwantitajiet, metodu u perjodu previst ta' ħżin, użi sussegwenti possibbli tal-iskart miżmum);
 - (e) Rimi fl-ambjent (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet, metodu ta' rimi);
 - (f) Bidliet oħrajn fl-inventarju, eż. trasferimenti għal skart ikkundizzjonat, telf mhux imkejjel (metodu biex jiġu stabbiliti l-kwantitajiet);

(g) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, id-distribuzzjoni stmata tal-materjal nukleari, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għan-numru ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom, inkluż il-metodu ta' assaġġ rilevanti), l-aċċessibbiltà u l-metodu ta' verifika possibbli għall-materjal nukleari, l-akkuratezza mistennija, u l-aċċess għall-materjal nukleari. B'mod partikolari, id-deskrizzjoni tal-proċeduri jenħtieġ li tipprovi wkoll l-approċċ tal-inventarju bażiku li għandu jintuża, jiġifieri l-ippjanar, l-organizzazzjoni u t-twettiq tat-teħid tal-inventarju, ir-responsabbiltà primarja għall-inventarju, it-tindif tal-proċess, il-kontabbiltà tal-kapaċità residwa tal-proċess;

(h) Reġistri operazzjonali u ta' kontabbiltà (inklużi ġurnali ta' abbord, kotba ġenerali, formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri). Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(i) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-deżinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-iffissar f'waqtu ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

30. Għal kull punt ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, u l-punti ta' kampjunar taż-żoni ta' responsabbiltà, ipprovi l-informazzjoni li ġejja, fejn applikabbli:

- (a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;
- (b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju f'dan il-punt ta' kejl u l-possibbiltà li jintuża dan il-punt ta' kejl għat-teħid ta' inventarju fiżiku;
- (c) il-forma kimika u fiżika tal-materjal;
- (d) il-proċedura tal-kampjunar u t-tagħmir użat;
- (e) il-metodu tal-kejl/analitiku u t-tagħmir użati;
- (f) is-sors u l-livell ta' żbalji aleatorji u sistematiċi (użin, volum, kampjunar, analitiku);
- (g) it-teknika ta' propagazzjoni kalkolattiva u ta' żball;
- (h) it-teknika u frekwenza tal-kalibrazzjoni tat-tagħmir użat;
- (i) il-programm għall-evalwazzjoni kontinwa tal-akkuratezza tal-piż, tal-volum, tat-tekniki tal-kampjunar u tal-metodi tal-kejl;
- (j) il-programm għall-evalwazzjoni statistika tad-*data* minn (h) u (i).

31. Limitu ġenerali ta' żball. Iddeskrivi l-proċeduri biex tiġi kkombinata d-determinazzjoni tal-iżball tal-kejl individwali sabiex jinkiseb il-limitu ġenerali ta' żball għal:

- (a) id-differenzi konsenjatur/destinatarju;
- (b) l-inventarju fil-kotba;
- (c) l-inventarju fiżiku;

(d) materjal mhux kontabilizzat (MUF).

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

32. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).
33. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:
 - (a) avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;
 - (b) tneħħija u rkupru ta' materjal nukleari. Ipprovi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari se jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif se jiġi kontabilizzat;
 - (c) tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

34. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNEX I-J. INSTALLAZZJONIJIET TAL-INKAPSULAMENT TAL-FJUWIL UŻAT

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).
 - indika l-kodiċi tal-MBA (ladarba jiġi attribwit).
2. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).
6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.
7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew qed tiġi ddekummissjonata).
8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim
Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzja mitluba u/jew approvati (eż. id-deċiżjoni tal-prinċipju, id-dati tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tat-twassil tal-materjal nukleari. Disinji tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.
L-informazzjoni ta' qabel it-tħaddim hija relatata mal-proċess ta' "salvagwardji mid-disinn" u hija essenzjali biex tippermetti l-integrazzjoni tal-infrastruttura tat-tagħmir tas-salvagwardji fid-disinn u l-kostruzzjoni sussegwenti tal-installazzjoni.
9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xift adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).
10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).
11. Tqassim tal-installazzjoni inklużi d-disinji tal-art u tas-sezzjoni:
 - (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (konteniment strutturali, ċnut u rotot ta' aċċess);
 - (b) ir-rotot segwiti minn materjal nukleari, il-kaxxetti tar-rimi u l-btieti tal-fjuwil użat;
 - (c) il-materjal nukleari u ż-żoni tal-ħżin tal-kaxxetti tar-rimi;
 - (d) iż-żona tal-ħżin tal-iskart;

- (e) kull żona ewlenija ta' pproċessar u laboratorju tal-ipproċessar;
 - (f) żona tal-ittejtjar u tal-esperimenti, laboratorji analitiċi, jekk applikabbli.
12. Il-persuna responsabbli mis-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar l-installazzjoni

13. Deskrizzjoni tal-proċess u tal-postijiet li jindikaw:
- (a) l-istadji kollha tal-proċess;
 - (b) iż-żoni kollha tat-twassil, tal-vjeġġi, tal-proċess u tal-ħżin.
14. Deskrizzjoni tal-proċess inkluża l-folja tal-fluss tal-proċess.
15. Kapaċità tad-disinn.
16. Fluss annwali mistenni u l-inventarju taż-żoni tal-ħżin u tal-proċess.
17. Oġġetti ewlenin tat-tagħmir użati fl-installazzjoni inkluż it-tagħmir tas-sorveljanza u tal-kejl, anke għall-ittejtjar u għall-iskop sperimentali.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI INKLUŻI DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-IMMANIĠĠAR TAL-MATERJAL NUKLEARI

Deskrizzjoni u fluss tal-materjal nukleari

18. Deskrizzjoni tal-materjal nukleari:
- (a) tipi ewlenin ta' materjal nukleari, u unitajiet ta' kontabbiltà li għandhom jiġu mmaniġġati fl-installazzjoni;
 - (b) forma fiżika (mekkanika), tlibbis u dimensjonijiet ġenerali tal-assemblaġġi tal-fjuwil użat;
 - (c) forma fiżika (mekkanika), dimensjonijiet ġenerali u kapaċità tal-kaxxetti tar-rimi;
 - (d) forma fiżika u dimensjonijiet ġenerali u kapaċità ta' tipi oħrajn ta' kontenituri u imballaġġ;
 - (e) mezzi ta' identifikazzjoni tal-lott u tal-oġġett, daqs tal-lott, rata tal-fluss, u perjodu tal-kampanja;
 - (f) medda ta' piżijiet inizjali tal-metall tqil u arrikkimenti inizjali ta' assemblaġġi tal-fjuwil;
 - (g) medda ta' ħruq ta' fjuwil użat, ħinijiet tat-tkessiħ, u kontenut ta' Pu ta' assemblaġġi tal-fjuwil;
 - (h) medda tal-livelli ta' radjazzjoni f'żoni ta' ħżin u ta' proċess ta' materjal nukleari (rati ta' doża);
 - (i) medda tal-livelli ta' radjazzjoni u ta' sħana fuq barra tal-kontenituri tat-trasport u tar-rimi (rati ta' doża u temperaturi).
19. Materjal nukleari ieħor fl-installazzjoni minbarra fjuwil użat (tip, forma, kwantità, u post).
20. Fluss ta' materjal nukleari:

- (a) folja u d-disinji skematiċi tal-fluss;
 - (b) punti ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, żoni ta' responsabbiltà, postijiet tal-inventarju;
 - (c) frekwenza tat-twassil u tal-vjeġġi.
21. Kwantitajiet tal-fluss tal-materjal nukleari għal kull żona tal-immaniġġar tal-materjal nukleari, inklużi medda u kwantitajiet massimi ta' materjal nukleari:
- (a) żoni tat-twassil u tal-vjeġġi;
 - (b) żona tal-proċess (jiġifieri ċellola tal-immaniġġar);
 - (c) post tal-ħżin;
 - (d) postijiet oħrajn.
22. Medda tad-disinn tal-inventarji tal-materjal nukleari f'kull żona ta' ħżin u ta' proċess.

Immaniġġar tal-materjal nukleari

23. Deskrizzjoni tal-kontenitur, tal-kaxxetta u tal-imballaġġ li fih jiġi ttrasportat il-materjal nukleari (inklużi d-daqs, id-disinn, id-disinn tal-basket intern, il-materjal użat, il-kapaċità, l-għeluq eċċ.). Irreferi għad-disinji meta disponibbli.
24. Deskrizzjoni ta' kull żona tal-ħżin u tal-proċess tal-materjal nukleari inkluża l-medda tal-livelli ta' radjazzjoni f'dawk iż-żoni (rati ta' doża).
25. Ilqugħ f'żoni differenti ta' proċess, ħżin u trasferiment.
26. Metodi u mezzi tal-immaniġġar u t-trasport ta' materjal nukleari u ta' kontenituri tat-trasport f'żoni ta' proċess u ta' ħżin.
27. Rotot tat-trasport segwiti minn materjal nukleari, kontenituri u kaxxetti b'referenza għat-tqassim tal-installazzjoni.
28. Manutenzjoni u dekontaminazzjoni:
- (a) manutenzjoni normali tal-impjant;
 - (b) dekontaminazzjoni tal-impjanti u tat-tagħmir;
 - (c) proċeduri tal-bidu tat-tħaddim tal-impjant u tal-għeluq tal-impjant.

Miżuri ta' protezzjoni u sikurezza

29. Il-miżuri bażiċi għall-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari.
30. Ir-regoli speċifiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI

31. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:
- (a) Ġenerali

- Deskrizzjoni tal-kotba u l-forom tagħhom (kopji elettroniċi jew stampati), il-metodu ta' reġistrazzjoni u rapportar tad-*data* tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċi materjali;
- (b) Bidliet ewlenin fl-inventarju
- Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju eż. irċevuti (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati l-korrezzjonijiet tal-kontabbiltà, il-kontrolli u l-kejl użati biex jiġu kkonfermati l-oġġetti tal-fjuwil użat), ir-rigruppar, il-vjeġġi ta' kaxxetti tar-rimi u materjal nukleari ieħor (inkluż l-iskart), inkluża deskrizzjoni ta' kif dawn il-bidliet huma ddeterminati. Jenħtieġ li jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-*data* tas-sors (eż. formoli ta' twassil u ta' trasport);
- (c) Inventarju fiżiku
- Deskrizzjoni tal-proċeduri, tal-metodu tat-teħid tal-inventarju tal-operatur, tal-frekwenza skedata, tad-distribuzzjoni stmata tal-materjal nukleari, tal-aċċessibbiltà u tal-metodu ta' verifika;
- (d) Reġistri operazzjonali u ta' kontabbiltà (inklużi ġurnali ta' abbord, kotba ġenerali, formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).
- Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;
- (e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà
- Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-deżinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-iffissar f'waqt ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.
32. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, ta' kameras, ta' lasers, ta' trażmissjoni ta' *data* mill-bogħod, eċċ.).
33. Għal kull punt ta' kejl taż-żona tal-bilanċ tal-materjal, ipprovdli l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:
- (a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;
- (b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju u l-possibbiltà li jintuża dan il-punt ta' kejl għat-teħid ta' inventarju fiżiku;
- (c) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari;
- (d) il-kontenituri tal-materjal nukleari;
- (e) il-proċeduri tal-kampjunar u t-tagħmir użat;
- (f) il-metodi u t-tagħmir tal-kejl użati inkluż il-kejl tar-radjazzjoni fiċ-ċellola tal-immaniġġar;
- (g) is-sors u l-livell ta' akkuratezza;
- (h) it-teknika u frekwenza tal-kalibrizzjoni tat-tagħmir użat;
- (i) il-metodu tal-konverżjoni tad-*data* tas-sors lejn *data* tal-lottijiet;
- (j) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-gruppi;

- (k) il-fluss mistenni tal-lott fis-sena;
- (l) in-numru mistenni ta' gruppi tal-inventarju;
- (m) in-numru mistenni ta' oġġetti għal kull fluss;
- (n) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-materjal nukleari għal kull lott, il-piż totali ta' kull element ta' materjal nukleari, il-kompożizzjoni isotopika meta jkun xieraq u l-forma tal-materjal nukleari.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

- 34. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).
- 35. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:
 - (a) avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;
 - (b) tneħħija u rkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari se jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif se jiġi kontabilizzat;
 - (c) tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

- 36. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNEX I-K. REPOŻITORJI ĠEOLOĠIĊI

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).
 - indika l-kodiċi(jiet) tal-MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).
2. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).
6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.
7. Status preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, fażi ta' wara t-tħaddim).
8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzja mitluba u/jew approvati (eż. id-deċiżjoni tal-prinċipju, id-dati tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tat-twassil tal-materjal nukleari. Disinji tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

L-informazzjoni ta' qabel it-tħaddim hija relatata mal-proċess ta' "salvagwardji mid-disinn" u hija essenzjali biex tippermetti l-integrazzjoni tal-infrastruttura tat-tagħmir tas-salvagwardji fid-disinn u fil-kostruzzjoni sussegwenti tal-installazzjoni.
9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xift adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).
10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).
11. Tqassim tal-installazzjoni inklużi disinji relatati:
 - (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (konteniment strutturali, ċnut u rotot ta' aċċess);
 - (b) rotot segwiti minn materjal nukleari, kaxxetti tar-rimi;
 - (c) materjal nukleari, iż-żoni tal-ħżin tal-kaxxetti tar-rimi;
 - (d) żona tar-rimi;
 - (e) rotot ewlenin ta' aċċess għall-vetturi u għall-persunal u għax-xafts tal-ventilazzjoni;
 - (f) mini għall-aċċess u għar-rimi;
 - (g) żona tal-ittejtjar u tal-esperimenti, laboratorji analitiċi, jekk applikabbli.

12. Il-persuna responsabbli mis-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar l-installazzjoni

13. Deskrizzjoni tad-*data* ġeoloġika u tad-disinn tal-installazzjoni:
- (a) informazzjoni dwar il-ġeoloġija ospitanti tar-repożitorju ġeoloġiku (inkluża l-istratifikazzjoni ġeoloġika; ġeokimika; ġeofiżika; identifikazzjoni tar-radjonuklidi misjuba fl-ambjent tar-repożitorju; u evidenza u konklużjonijiet dwar l-integrità tal-blat ospitanti);
 - (b) deskrizzjoni taż-żona ristretta u żoni kkontrollati oħrajn stabbiliti madwar ir-repożitorju;
 - (c) attivitajiet ta' karatterizzazzjoni tar-repożitorju ġeoloġiku (eż. skavar tas-sottosuperfiċje u attivitajiet ta' esplorazzjoni);
 - (d) sistemi ta' monitoraġġ għall-attivitajiet ta' skavar (inklużi tipi, postijiet eżatti u fond ta' sensuri; sistemi ta' monitoraġġ oħrajn, inkluż il-monitoraġġ tas-sikurezza; tagħmir ieħor inkluż l-ittestjar u t-tagħmir sperimentali);
 - (e) informazzjoni dwar id-disinn taż-żoni tas-superfiċje (inklużi t-twassil, il-ħżin u t-tnejn tal-kaxxetti tar-rimi);
 - (f) informazzjoni dwar id-disinn taż-żona taħt l-art tar-repożitorju ġeoloġiku, (inkluż it-tqassim, il-bibien ta' iżolament, il-miżuri għat-tisħiħ jew l-istabbilizzazzjoni tal-ħitan u tas-soqfa tal-iskavar; daqs u karatteristiċi tax-xaft u tal-fetħa, eċċ.);
 - (g) informazzjoni dwar ir-rotot tal-aċċess għall-persunal u għall-materjali; provvista ta' utilitajiet; żoni għat-twassil u l-ħżin ta' kaxxetti tar-rimi;
 - (h) kapaċità tal-vettura tat-trasport tal-paranki u tal-kaxxetti (tagħbijiet ta' piż massimu).
14. Deskrizzjoni tal-proċess, inkluż it-tħaddim ta' fuq u ta' taħt l-art, l-iskavar tar-rampa, tal-mina u tax-xaft, it-tneħħija tal-blat, it-tnejn tal-kaxxetti, it-trasport u l-ħżin u l-mili mill-ġdid u l-ghelug tal-mina bi skeda nominal ta' proċessi differenti.
15. Kapaċità tad-disinn.
16. Pjan annwali ta' rimi mistenni.
17. Tagħmir ewlieni użat fl-installazzjoni.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻI DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-IMMANIĠĠAR TAL-MATERJAL NUKLEARI

Deskrizzjoni u fluss tal-materjal nukleari

18. Deskrizzjoni tal-materjal nukleari:
- (a) tipi ta' materjal nukleari, inkluż materjal nukleari u radjuattiv ieħor fl-installazzjoni għajr fjuwil użat jekk applikabbli (tip, forma, kwantità, u post);
 - (b) tipi ta' unitajiet ta' responsabbiltà (eż. kaxxetti tar-rimi u kontenituri oħrajn) li għandhom jiġu mmaniġġati fl-installazzjoni;

- (c) dehra, mezzi ta' identifikazzjoni u dimensjonijiet ġenerali tal-unitajiet ta' responsabbiltà;
 - (d) numru ta' assemblaġġi tal-fjuwil jew kwantità ta' materjal radjuattiv ieħor għal kull kaxxetta tar-rimi jew kontenitur ieħor;
 - (e) numru ta' kaxxetti tar-rimi jew kontenituri oħrajn għal kull reċipjent tat-trasport jew vettura tat-trasport;
 - (f) medda tal-piż tal-materjal nukleari għal kull kaxxetta tar-rimi jew reċipjent ieħor;
 - (g) medda ta' livelli ta' radjazzjoni u ta' sħana fuq barra tal-kaxxetti u/jew tal-kontenituri tar-rimi (rati tad-doża fuq is-superficcje u f'distanza ta' metru, u temperaturi).
19. Fluss ta' materjal nukleari:
- (a) folja skematika tal-fluss;
 - (b) punti ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, żoni ta' responsabbiltà, postijiet tal-inventarju;
 - (c) frekwenza tat-twassil ta' unitajiet relatati mal-kontabbiltà u trasferimenti taħt l-art;
 - (d) rotot segwiti u tqegħid ta' kaxxetti tar-rimi jew reċipjenti oħrajn.
20. Medda ddeżinjata ta' inventarji ta' materjal nukleari f'kull żona ta' ħżin.

Tħaddim u mmaniġġar tal-installazzjoni ta' materjal nukleari

- 21. Deskrizzjoni tal-kontenitur, tal-kaxxetta u tal-imballaġġ li fih jiġi ttrasportat il-materjal nukleari (inklużi d-daqs, id-disinn, id-disinn tal-basket intern, il-materjal użat, il-kapaċità, l-għeluq eċċ.). Irreferi għad-disinji meta disponibbli.
- 22. Ilqugħ f'żoni differenti ta' ħżin u ta' trasferiment.
- 23. Metodi u mezzi ta' mmaniġġar u trasferiment ta' materjal nukleari u ta' kaxxetti f'żoni ta' ħżin u ta' tqegħid inkluża deskrizzjoni tal-vettura ta' trasferiment.
- 24. Rotot tat-trasport segwiti minn materjal nukleari b'referenza għat-tqassim tal-installazzjoni.
- 25. Deskrizzjoni ta' kull żona ta' ħżin ta' materjal nukleari.
- 26. Metodu ta' pożizzjonament tal-materjal nukleari fiż-żoni ta' ħżin.
- 27. Metodu ta' tqegħid u ta' mili mill-ġdid ta' materjal nukleari.
- 28. Deskrizzjoni u numru ta' żona ta' tqegħid tal-materjal nukleari u mina tar-rimi.
- 29. Deskrizzjoni tal-attivitajiet u taż-żoni ta' manutenzjoni.

Miżuri ta' protezzjoni u sikurezza

- 30. Il-miżuri bażiċi għall-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari.
- 31. Ir-regoli speċifiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

32. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:
- (a) Ġenerali
Deskrizzjoni tal-kotba u l-forom tagħhom (kopji elettroniċi jew stampati), il-metodu ta' reġistrazzjoni u rapportar tad-*data* tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċi materjali;
 - (b) Bidliet ewlenin fl-inventarju
Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. irċevuti (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati l-korrezzjonijiet ta' kontabbiltà, il-verifiki użati) u l-vjeġġi ta' kaxxetti tar-rimi, jekk ikunu seħħew u t-trasferimenti kif xieraq. Jenħtieġ li jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-*data* tas-sors eż. il-formoli tat-twassil u tat-trasport;
 - (c) Inventarju fiżiku
Deskrizzjoni tal-proċeduri, tal-metodu tat-teħid tal-inventarju tal-operatur, tal-frekwenza skedata, tad-distribuzzjoni stmata tal-materjal nukleari, tal-aċċessibbiltà u tal-metodu ta' verifika;
 - (d) Reġistri operazzjonali u ta' kontabbiltà (inklużi ġurnali ta' abbord, kotba ġenerali, formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).
Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;
 - (e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà
Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-deżinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-iffissar f'waqtu ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.
33. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri eżistenti jew possibbli ta' konteniment u sorveljanza (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, ta' kameras, ta' lasers, ta' trażmissjoni ta' *data* mill-bogħod, eċċ.).
34. Għal kull punt ta' kejl taż-żona tal-bilanċ tal-materjal (eż. żona tal-ħżin, mina tad-depożizzjoni), ipprova l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:
- (a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;
 - (b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju u l-possibbiltà li jintuża dan il-punt ta' kejl għat-teħid ta' inventarju fiżiku;
 - (c) it-tagħmir użat għall-immaniġġar u t-trasferiment;
 - (d) il-metodi ta' verifika u t-tagħmir użati;
 - (e) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-gruppi;
 - (f) in-numru mistenni ta' gruppi tal-inventarju u l-fluss fis-sena.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

35. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNEX I-L. POST BARRA MILL-FAĊILITAJIET (LOF)

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-MATERJAL NUKLEARI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).
 - Indika l-kodiċi(jiet) tal-MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).
2. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
5. Deskrizzjoni (il-karatteristiċi ewlenin).
6. Għan (użu maħsub ta' materjal nukleari).
7. Status preżenti (eż. qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekkommissjonar).
8. Tqassim taż-żona (li juri l-post tal-installazzjoni, it-toroq ta' aċċess, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).
9. Tqassim tal-installazzjoni (li juri ż-żoni tal-immaniġġar u tal-ħżin tal-materjal nukleari, il-laboratorji, il-kaxex tal-ingwanti, il-konfini, iċ-ċnut, eċċ.).
10. Il-persuna responsabbli mis-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
11. Kategoriji ta' materjal nukleari użat fl-installazzjoni.
12. Deskrizzjoni ta' materjal nukleari:
 - (a) għal kull kategorija iddeskrivi l-lottijiet u l-oġġetti tipiċi;
 - (b) forma kimika u fiżika;
 - (c) medda ta' arrikkiment u kontenut ta' Pu;
 - (d) ammont ta' materjal nukleari li normalment jinżamm fil-post/għal kull kategorija.
13. Mezzi ta' identifikazzjoni tal-materjal nukleari.
14. Medda tal-livelli ta' radjazzjoni fil-postijiet tal-materjal nukleari (rati ta' doża f'postijiet speċifikati).
15. Deskrizzjoni ta' kontenituri ewlenin użati għat-trasport, għall-ħżin u għall-immaniġġar.
16. Tagħmir għat-trasferiment ta' materjal nukleari.

17. Identifikazzjoni tal-punti tal-kejl, taż-żoni ta' responsabbiltà, tal-postijiet tal-inventarju, tal-folja tal-fluss skematika jekk disponibbli.

Miżuri ta' protezzjoni u sikurezza

18. Il-miżuri bażiċi għall-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari.
19. Regoli speċifiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

20. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:
 - (a) Ġenerali
Deskrizzjoni tal-kotba u l-forom tagħhom (kopji elettroniċi jew stampati), metodu ta' reġistrazzjoni tad-*data* tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċ materjali;
 - (b) Bidliet ewlenin fl-inventarju
Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. l-irċevuti, il-vjeġġi, il-bidliet relatati mal-iskart, l-arrotondament u l-aġġustamenti (jenħtieġ li jinżammu reġistri u *data* tas-sors), inkluża deskrizzjoni ta' kif dawn il-bidliet jiġu ddeterminati. Jenħtieġ li jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-*data* tas-sors (eż. formoli ta' twassil u ta' trasport, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u tal-folji ta' kontroll tal-kejl);
 - (c) Inventarju fiżiku
Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għan-numru ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom), inklużi metodi ta' assaġġ rilevanti u l-akkuratezza mistennija, l-aċċess għall-materjal nukleari, metodi possibbli għall-verifika fiżika tal-materjali nukleari;
 - (d) Reġistri operazzjonali u ta' kontabbiltà (inklużi ġurnali ta' abbord, kotba ġenerali, formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).
Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;
 - (e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà
Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-deżinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-iffissar f'waqtu ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.
21. Dispożizzjonijiet relatati mal-miżuri eżistenti jew previsti ta' konteniment u sorveljanza (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, kameras, eċċ.).
22. Għal kull punt ta' kejl taż-żona tal-bilanċ tal-materjal ipprovdli l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:
 - (a) deskrizzjoni tal-post, tat-tip u tal-identifikazzjoni;

- (b) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari (bid-deskrizzjoni tal-materjal tat-tlibbis);
- (c) il-metodi u t-tagħmir tal-kejl użati;
- (d) il-metodi ta' konverżjoni tad-*data* tas-sors lejn *data* tal-lottijiet;
- (e) il-mezz ta' identifikazzjoni tal-gruppi u deskrizzjoni tad-*data*.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

23. Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-operatur iqis rilevanti għall-applikazzjoni tas-salvagwardji.

ANNEX I-M. POST NAZZJONALI BARRA MILL-FAĊILITAJIET (LOF NAZZJONALI)

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-MATERJAL NUKLEARI

1. L-isem, l-indirizz postali, il-posta elettronika (il-kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown tal-entità (eż. l-awtorità nazzjonali) responsabbli għal-LOF nazzjonali.
 - Indika l-kodiċi tal-MBA (ladarba jiġi attribwit).
2. Il-persuna responsabbli mis-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
3. Lista tal-installazzjonijiet differenti li jappartjenu għal-LOF nazzjonali. Huwa meħtieġ numru ta' identifikazzjoni uniku għall-identifikazzjoni ta' kull installazzjoni.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI

4. Deskrizzjoni tal-proċeduri għas-sistema ta' kontabbiltà u kontroll tal-materjal nukleari inklużi l-proċeduri għat-teħid ta' inventarju fiżiku (kemm għan-numru ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom). Mil-lista ta' oġġetti tal-inventarju u l-PIL, jenħtieġ li l-post ta' kull oġġett/lott iddikjarat ikun identifikabbli.

Barra minn hekk, għal kull installazzjoni:

1. Isem l-installazzjoni u n-numru ta' identifikazzjoni.
2. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
5. Skop u karatteristiċi ewlenin tal-installazzjoni.
6. Deskrizzjoni tal-użu tal-materjal nukleari.
7. Deskrizzjoni taż-żoni tal-immaniġġar u tal-ħżin tal-materjal nukleari.

ANNEX I-N. INSTALLAZZJONIJIET TA' MBA KOMPRESIVI (CAM) EŻISTENTI F'PAJJIŻI KANDIDATI

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

NB:

L-informazzjoni pprovduta fl-ambitu ta' dan l-Anness ma titqiesx bħala informazzjoni tal-kontabbiltà dwar il-materjal nukleari li għandha tiġi pprovduta bħala rapport dwar bidla fl-inventarju u lista ta' oġġetti fl-inventarju.

L-użu ta' mudell differenti huwa meħtieġ jekk l-installazzjoni ma tkunx jew ma tkunx għadha intitolata li tkun parti mill-MBA komprensivi jew jekk ikun stabbilit LOF nazzjonali fl-Istat Membru.

Għal dawn id-detenturi ta' ammonti żgħar ta' materjali nukleari (azjendi żgħar), l-inventarju totali huwa kkalkolat bħala s-somma tal-istokk ta' kull kategorija ta' materjal nukleari miżmum, kull waħda espressa bħala perċentwali tal-limiti li ġejjin:

uranju ridott	350 000 g jew
torju	200 000 g jew
uranju naturali	100 000 g jew
uranju b'arrikkiment baxx	1 000 g jew
uranju b'arrikkiment għoli	5 g jew
plutonju	5 g

Pereżempju:

- (a) detentur b'4 g ta' plutonju għandu perċentwali ta' inventarju ugwali għal 80 % (4/5);
- (b) detentur b'1 g ta' uranju b'arrikkiment għoli biż-żieda addizzjoni ta' 20 000 g ta' uranju naturali għandu perċentwali ta' inventarju ugwali għal 40 % (1/5 + 20 000/100 000).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-MATERJAL NUKLEARI

1. Isem.
2. Sid u/jew operatur.
3. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
4. Tip u kwantità tal-materjal nukleari.

5. Deskrizzjoni ta' kontenituri użati għal ħżin u għal immaniġġar.
6. Deskrizzjoni tal-użu tal-materjal nukleari.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

L-obbligi tal-azjendi ż-żgħar ġew issimplifikati kif ġej:

A. Limiti fuq pussessi/ċaqliq

Jekk twassil individwali ta' materjal nukleari jaqbeż il-kwantitajiet indikati hawn fuq jew jekk "il-perċentwali tal-inventarju" tal-installazzjoni jaqbeż il-100 % fi kwalunkwe ħin, il-Kummissjoni trid tiġi nnotifikata immedjatement.

B. Reġistri ta' kontabbiltà/tħaddim li għandhom jinżammu

Reġistri ta' kontabbiltà/tħaddim iridu jinżammu b'mod li jippermettu verifika immedjata tar-rapporti magħmula lill-Kummissjoni u ta' kull korrezzjoni tagħhom.

C. Rapporti dwar bidla fl-inventarju (ICR)

Rapport annwali dwar bidla fl-inventarju għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, sakemm ma tkun seħħet l-ebda bidla fl-inventarju matul il-perjodu. Dan ir-rapport għandu jiddeskrivi s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti.

Fil-każ ta' kwalunkwe bidla fl-inventarju li sseħħ matul is-sena, għandu jintbagħat rapport dwar bidla fl-inventarju lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli u, mhux aktar tard minn 15-il jum mit-tmiem tax-xahar li fih seħħet il-bidla fl-inventarju.

Ir-rapporti dwar bidla fl-inventarju għandhom jiġu pprovduti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III, f'forma elettronika bl-użu ta' mudell tal-Excel iddedikat tal-ICR li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni.

D. Lista tal-oġġetti tal-inventarju (LII)

Lista annwali ta' oġġetti ta' inventarju li turi l-oġġetti kollha separatament għandha tintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara, f'konformità mar-rekwiżiti għall-elenkar tal-inventarju fiżiku stabbiliti fl-Anness V. L-LII għandu jintbagħat f'forma elettronika. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipprovdi mudell tal-Excel iddedikat LII.

ANNEX I-P. INSTALLAZZJONIJIET OĦRAJN LI JUŻAW MATERJAL NUKLEARI LI JAQBEŻ KILOGRAMM WIEĦED EFFETTIV

Dettalji tal-amministrazzjoni:

- (a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);
- (b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);
- (c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-MATERJAL NUKLEARI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).
 - Indika l-kodiċi(jiet) tal-MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).
2. Il-post, l-indirizz postali u tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.
5. Deskrizzjoni (il-karatteristiċi ewlenin).
6. Għan (użu maħsub ta' materjal nukleari).
7. Status preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa jew qed tiġi ddekummissjonata).
8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzja mitluba u/jew approvati (eż. id-deċiżjoni tal-prinċipju, id-dati tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tat-twassil tal-materjal nukleari. Disinji tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

L-informazzjoni ta' qabel it-tħaddim hija relatata mal-proċess ta' "salvagwardji mid-disinn" u hija essenzjali biex tippermetti l-integrazzjoni tal-infrastruttura tat-tagħmir tas-salvagwardji fid-disinn u fil-kostruzzjoni sussegwenti tal-installazzjoni.
9. Tqassim taż-żona (li juri l-post tal-installazzjoni, it-toroq ta' aċċess, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).
10. Tqassim tal-installazzjoni (li juri ż-żoni tal-immaniġġar u tal-ħżin tal-materjal nukleari, il-laboratorji, il-kaxex tal-ingwanti, il-konfini, iċ-ċnut eċċ.).
11. Il-persuna responsabbli mis-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz tal-posta elettronika (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.
12. Kategoriji ta' materjal nukleari użat fl-installazzjoni.
13. Deskrizzjoni ta' materjal nukleari:
 - (a) għal kull kategorija iddeskrivi l-lottijiet u l-oġġetti tipiċi;
 - (b) forma kimika u fiżika;
 - (c) medda ta' arrikkiment u kontenut ta' Pu;

- (d) ammont ta' materjal nukleari li normalment jinżamm fil-post/ġhal kull kategorija.
- 14. Mezzi ta' identifikazzjoni tal-materjal nukleari.
- 15. Medda tal-livelli ta' radjazzjoni fil-postijiet tal-materjal nukleari (rati ta' doża f' postijiet speċifikati).
- 16. Deskrizzjoni ta' kontenituri ewlenin użati għat-trasport, għall-ħżin u għall-immaniġġar.
- 17. Tagħmir għat-trasferiment ta' materjal nukleari.
- 18. Identifikazzjoni tal-punti tal-kejl, taż-żoni ta' responsabbiltà, tal-postijiet tal-inventarju, tal-folja tal-fluss skematika jekk disponibbli.

Miżuri ta' protezzjoni u sikurezza

- 19. Il-miżuri bażiċi għall-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari.
- 20. Regoli speċifiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

- 21. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:
 - (a) Ġenerali
 - Deskrizzjoni tal-kotba u l-forom tagħhom (kopji elettroniċi jew stampati), metodu ta' reġistrazzjoni tad-*data* tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċ materjali;
 - (b) Bidliet ewlenin fl-inventarju
 - Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. l-irċevuti, il-vjeġġi, il-bidliet relatati mal-iskart, l-arrotondament u l-aġġustamenti (jenħtieġ li jinżammu reġistri u *data* tas-sors), inkluża deskrizzjoni ta' kif dawn il-bidliet jiġu ddeterminati. Jenħtieġ li jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-*data* tas-sors (eż. formoli ta' twassil u ta' trasport, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u tal-folji ta' kontroll tal-kejl);
 - (c) Inventarju fiżiku
 - Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għan-numru ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom), inklużi metodi ta' assaġġ rilevanti u l-akkuratezza mistennija, l-aċċess għall-materjal nukleari, metodi possibbli għall-verifika fiżika tal-materjali nukleari;
 - (d) Reġistri operazzjonali u ta' kontabbiltà (inklużi ġurnali ta' abbord, kotba ġenerali, formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).
 - Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;
 - (e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-deżinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-iffissar f'waqtu ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

22. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, ta' kameras, ta' lasers, ta' trażmissjoni ta' *data* mill-bogħod, eċċ.).
